
MFA 6


SPORTMALTA 32


MEUSAC 42

Nru. 110 Mejju 2016

# SPORTIV



**VALLETTA**
Champions għat-23 darba fl-istorja tal-club 16

**Snooker**
Alex Borg jirritorna fil-Main Tour għas-sentejn li ġejjin 36

**Gozo Sports**
Jitqassmu l-unuri ... Charlton Debono l-Isportiv tas-Sena 40

**Kompetizzjoni**
Irbaħ €25 voucher ma' Teamsport

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 35 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt

# Mejju 2016



Jesmond Moore
*Editur*

Wara li Valletta saru champions għat-23 darba fl-istorja tal-club, l-istaġun ġie fi tmiemu bil-finali tal-FA Trophy fejn Sliema Wanderers għelbu lil Balzan bl-għoll tal-penalties wara li l-partita ntemmet fi draw ta' 0-0, biex rebħu din il-kompetizzjoni għal 21 darba.

Din il-finali kienet waħda sinjifikanti hekk kif it-trofew għamlet l-aħħar dehra tagħha fil-pubbliku biex issa se tiġi preservata fil-vetrini tal-MFA, wara 81 sena.

Inċidentalment kienu l-Wanderers li rebħuha l-ewwel darba meta, fl-1935, għelbu lir-rivali eterni, Floriana, bl-iskor ta' 4-0.

Għaldaqstant, mill-istaġun li ġej se tiġi ntrodotta trofew ġdida li se tiġi prezentata lill-MFA, nhar it-8 ta' Ottubru, li ġej, mill-FA Ingliża, f'Wembley Stadium, qabel il-partita bejn l-Ingilterra u Malta, valida mir-round preliminari tat-Tazza tad-Dinja 2018.

Nifirħu wkoll lill-midfielder internazzjonali Malti ta' Valletta, Roderick Briffa, li għat-tieni darba fil-karriera tiegħu rebaħ l-unur tal-Player tas-Sena ....



**irbaħ €25 voucher ma'**

**TeamSporT**

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**Kemm-il darba Sliema Wanderers rebħu l-FA Trophy?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ġunju, 2016:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41,**
**Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 109 hija:*
**Valletta FC**

*Ir-rebbieħ huwa:* A. Farrugia (St Venera)






**BOV PERSONAL LOANS**

**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.,
58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

**BOV**
Bank of Valletta

Eżempju rappreżentattiv tal-Iskema Speċjali tal-BOV ECO Loan fuq self għall-ammont ta' €6,300 mogħti minn Bank of Valletta p.l.c. bir-rata varjabbli ta' interessi ta' 4.45% fis-sena (marġini ta' interess ta' 2% fuq il-'Consumer Lending Bank Base Rate' ta' 2.45%). Is-self jitħallas bl-istess ammont ta' Eur 111.11, wieħed kull xahar għall-sitta u tletin darba, fi żmien tlett snin mill-klijent, flimkien ma' għotja ta' €2,300 mir-Regolatur għall-Enerġija u s-Servizzi tal-Ilma (REWS) . L-imgħax fuq dan is-self jammonta għal €284.32 u jitħallas kollu mill-bejjiegħ li qed jieħu sehem fl-istess skema. Ma hemmx spejjeż għall-ipprocessar tas-self. Is-self personali kollu huwa suġġett għall-kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni finali mill-fergħa tiegħek tal-BOV. Termini u kundizzjonijiet japplikaw.




**SPORTIV**
**Magażin Sportiv ta' kull xahar**

Ħarġa nru.

**110**

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Sales & Marketing Manager**
Marouska Buttigieg
25900272
mbuttigieg@unionprint.com.mt

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Disinn**
Mario Mercieca
Ryan Bezzina
design@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Roger Azzopardi
Christine Borg
Dominic Borg
Ian Noel Pace

**Cover**
**Roderick Briffa ta' Valletta jgħolli t-Tazza tar-rebħ tal-Kampjonat Premier (Ritratt: Christine Borg)**

SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa



**Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-gurnal L-ORIZZONT u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.**






# Werrej


**6 MFA**
Roderick Briffa - Il-Player tas-Sena

**16 Kampjonat Premier**
Valletta Champions għat-23 darba fl-istorja tal-club

**18 Finali tal-FA Trophy**
Sliema W. jirbħu bl-għoti tal-penalties

**22 Player of the Month**
Jean Paul Farrugia u Stephania Farrugia huma l BOV Players tax-Xahar

**23 L-Ewwel Diviżjoni**
Gzira United jirbħu l-Kampjonat

**24 It-Tieni Diviżjoni**
Marsa jirbħu l-Kampjonat f'konfront dirett

**25 It-Tielet Diviżjoni**
Marsaxlokk jiċċelebraw ir-rebħ tat-titlu bil-kbir

**26 Posters ta' timijiet rebbieħa**
Hibernians, Valletta St Pauli, Leicester City, Juventus, Sevilla u Bayern Munich

**32 SportMalta**
Investiment ta' aktar minn €100,000 tat-track fil-Marsa

**34 Youth FA**
Ħarsa lejn is-sezzjonijiet tal-Kampjonat APS Bank U17 għall-istaġun 2015/16

**36 Snooker**
Alex Borg jirritorna fil-Main Tour għas-sentejn li ġejjin

**38 Motorsports**
X'qed jiġri fil-Motor Sport f'pajjiżna

**40 Gozo Sport**
Jitqassmu l-unuri fuq dixxiplini diversi

**42 Meusac**
L-isport fis-soċjetà tal-lum

**44 Storja tal-Football Malti**
Floriana leaders assoluti b'rebħa fuq Valletta

**46 Kriss Kross/ Spot the Ball**
Irbaħ ma' EuroSport u ma' Fitness Studio



mfa.com.mt



# Gianni Infantino jmexxi s-66 Kungress tal-FIFA

Is-66 Kungress tal-FIFA mmarka l-ftuħ ta' era ġdida għall-FIFA u l-football madwar id-dinja bit-tħabbir ta' dik li ġiet imsejħa bħala bidla radikali fl-investiment tal-FIFA u fl-iżvilupp tal-futbol, il-progress fl-implimentazzjoni tar-riformi u l-FIFA *Legends Programme*. Dan minbarra li Fatma Samoura ġiet eletta bħala Segretarju Ġenerali ġdid tal-FIFA.

Dan il-Kungress li, tmexxa mill-President tal-FIFA, Gianni Infantino, u s-segretarju *ad Interim* Markus Kattner, sar f'Mexico City, fil-Messiku, bejn it-12 u t-13 ta' Mejju, fejn ir-rappreżentanza Maltija kienet iffurmata mis-segretarju ġenerali, Bjorn Vassallo, il-teżorier Ivan Mizzi u l-viċi president Alex Manfré.

Biex ikompli jibni fuq il-manifest elettorali li bih ġie elett bħala president tal-FIFA, Infantino ppreżenta l-programm ta' żvilupp li jġib l-isem ta' 'FIFA Forward', u li se jkun qed ibiddel bosta programmi varji ta' żvilupp tal-futbol tal-FIFA. Il-'FIFA Forward' se jkun qed jipprovdi appoġġ ħolistiku għall-iżvilupp tal-futbol f'kull assoċjazzjoni membru tal-FIFA, fosthom dik Maltija kif ukoll is-sitt Konfederazzjonijiet. Il-FIFA se tkun qed tkabbar b'mod sinjifikanti l-investiment tagħha għal kull assoċjazzjoni membru għal perjodu ta' erba' snin għall-proġetti tal-futbol kif ukoll appoġġ finanzjarju għall-infieq involut biex dan kollu jkun jista' jiġi milħuq.

L-użu tal-fondi se jkun qed jiġi mmoniterjat mill-viċin permezz ta' kontabbiltà u trasparenza assoluta, bl-assoċjazzjonijiet membri kollha se jkunu mitluba jippubblikaw awditjar independenti tal-finanzi tagħhom skont ir-regoli l-ġodda tal-'FIFA Forward'.

**L-Uffiċjal tan-Nazzjonijiet Uniti, Fatma Samba Diouf Samoura, maħtura bħala Segretarju Ġenerali ġdida tal-FIFA**

Waqt dan il-Kungress, il-president tal-FIFA, Gianni Infantino, ħabbar l-appuntament mill-Kunsill tal-FIFA ta' Fatma Samba Diouf Samoura, mis-Senegal, bħala s-Segretarju Ġenerali ġdid tal-FIFA.

Rimarkabbli huwa l-fatt li din hija l-ewwel mara kif ukoll l-ewwel persuna ġejja mill-kontinent Afrikan li se tkun qed tokkupa din il-kariga ferm prestiġjuża. Hija ilha taħdem għal xejn inqas minn 21 sena fi programmi varji tan-Nazzjonijiet Uniti u bħalissa hija l-Kordinatur u r-Rappreżentanta tan-Nazzjonijiet Uniti fin-Niġerja.

Kif mitlub mill-istatut tal-FIFA, Fatma Samoura, se jkollha tgħaddi minn eżami ta' eliġibbiltà minn Kumitat Indipendenti ta' Sttħarriġ, skond kif jitlob Artiklu 37 tal-Istatuti tal-FIFA. Jekk kollox imur skond il-pjani, Fatma Samoura se tkun qed tassumi l-irwol ta' Segretarju Ġenerali tal-FIFA b'mod uffiċjali qabel nofs Ġunju li ġej.

**Riformi fl-azzjoni**

Il-FIFA tat informazzjoni lill-assoċjazzjonijiet membri fi ħdanha rigward il-proċess fl-implimentazzjoni tal-proċess ta' riforma sa minn meta ġew approvati miżuri ġodda fi Frar li għadda. Dawn ir-riformi issa ġew fis-seħħ fid-diversi strutturi tal-FIFA u se jkunu qed jinkludu s-segwenti:

- Iktar sttħarriġ rigward id-dħul u l-infieq li jsiru mill-FIFA;
- Eżaminar ta' eliġibbiltà għall-membri ġodda ta' Kumitati u pożizzjonijiet importanti u li jitolbu ċertu responsabbiltà fi ħdan il-FIFA;
- Il-pubblikazzjoni ta' kumpens individwali ta' uffiċjali veterani tal-FIFA;
- L-Appuntar tal-ewwel membri indipendenti f'kumitati ċentrali tal-FIFA.

Intant, il-president tal-FIFA, Gianni Infantino, ħabbar it-twaqqif ta' diviżjoni tal-futbol tan-Nisa fl-amministrazzjoni tal-FIFA, biex ikompli jingħata s-sapport u l-promozzjoni meħtieġa fl-iżvilupp tal-futbol tan-Nisa fuq livell dinji.

Se jkunu qed jiġu organizzati wkoll b'mod regolari *summits* tal-football għall-assoċjazzjonijiet membri, li se jkunu qed jibdew fit-tielet kwart tas-sena 2016, b'konferenzi inter-konfederazzjonali li se jkunu qed jinvolvu madwar 20 assoċjazzjoni nazzjonali tal-futbol, iddisinjati biex jindirizzaw suġġetti reġjonali importanti fil-futbol.




# Isir l-40 Kungress Ordinarju tal-UEFA

Fil-bidu tax-xahar ta' Mejju sar l-40 Kungress Ordinarju tal-UEFA f'Budapest, fl-Ungerija. Għal dan il-Kungress attendew esponenti għolja tal-MFA – il-president Norman Darmanin Demajo, is-segretarju ġenerali, Bjorn Vassallo u l-viċi-president Chris Bonett.

Lejliet il-Kungress, waqt ċerimonja apposta, Fr Hilary Tagliaferro, il-president tal-Youth FA, kien rikonoxxut mill-UEFA bl-Order of Merit għax-xogħol li għamel matul is-snin fis-settur tal-futbol f'pajjiżna. Waqt l-istess avveniment, Carmelo Bartolo, eks viċi president tal-MFA u preżentament membru onorarju tal-istess Assoċjazzjoni ngħata rikonoxximent mill-UEFA għax-xogħol li wettaq fid-diversi kumitati tal-istess UEFA matul l-aħħar 16-il sena.

Il-Malta FA, f'komunikat ftit jiem wara l-preżentazzjoni, kienet irringrazzjat liż-żewġ amministraturi tal-ħidma u d-dedikazzjoni tagħhom matul is-snin kollha nvoluti fil-logħba tal-futbol.

Waqt il-laqgħa tal-Kungress, immexxija mill-viċi president Spanjol, Villar Llona, id-delegati mill-54 assoċjazzjonijiet membri kellhom jiehdu vot dwar ir-rikjesta tal-Federazzjoni tal-Kosovo biex jingħaqdu bħala membri sħaħ fi ħdan il-UEFA. Għal vot, biex l-applikazzjoni tkun aċċettata, kienet meħtieġa maġġoranza sempliċi ta' voti u r-riżultat ta' voti kien ta' 28 favur, 24 kontra u żewġ voti invalidi. Intant, saret votazzjoni oħra li fiha l-Franċiża, Florence Hardouin, ġiet eletta bħala l-membru femminili fil-Kumitat Eżekuttiv tal-UEFA għall-perjodu ta' bejn l-2016 u l-2019, fejn kisbet 33 vot kontra l-21 vot miksuba min-Norveġiża, Karen Espelund. Matul l-istess Kungress saru votazzjonijiet oħra fosthom dwar emendi fl-Istatut tal-UEFA.

Il-Kungress li jmiss ser isir, f'Marzu 2017, fil-Fillandja.

# Fr Hilary Tagliaferro

## onorat bil-UEFA Order of Merit



Fr Hilary Tagliaferro, il-president tal-Youth Football Association, eks-Membru tal-Kunsill u eks-Direttur Tekniku tal-MFA, kien onorat bil-UEFA Order of Merit, għal persuni li taw kontribuzzjoni kbira fl-iżvilupp tal-logħba tal-futbol.

Carmelo Bartolo, eks-viċi-president tal-MFA, kien ukoll rikonoxxut mill-UEFA għas-servizz li ta matul is-snin fl-MFA u fil-kumitati tal-istess UEFA. Is-Sur Bartolo, issa daħal fis-Circle de l'Ancienne tal-UEFA. F'kelmtejn li ta wara l-preżentazzjoni, Fr Hilary Tagliaferro, qal li jħossu onorat ħafna li akkwista dan l-unur.

"Żort stadiums tal-futbol f'ħajti aktar milli żort knejjes. Għallimt u tellajt eluf ta' żagħżagħ. Inħoss li dan kollu kien apprezzat minn ħafna," qal Fr Hilary.

Dan l-unur ingħatalu f'ċerimonja organizzata mill-UEFA li saret f'Budapest, l-Ungerija, li kienet qed timmarka l-40 Kungress Ordinarju tal-UEFA. F'din iċ-ċerimonja, wieħed seta' jara diversi uċuħ popolari ħafna fid-dinja tal-futbol bħal, Sir Bobby Charlton u Sir Trevor Brooking, li wkoll ġew onorati mill-UEFA. L-Order of Merit tal-UEFA hi marka ta' unur u distinzjoni li tingħata mill-UEFA lill-individwi mill-familja Ewropea tal-futbol li jkunu taw servizz eċċezzjonali u dedikazzjoni kbira favur il-logħba.

Fis-sit uffiċjali tal-UEFA, Fr Hilary kien deskritt bħala "kowċ ta' eżempju, edukatur taż-żgħażagħ u ġurnalist sportiv." Fr Hilary jibqa' mfakkar l-aktar f'pajjiżna għax-xogħol kbir li wettaq fin-nurseries tal-futbol, għax-xogħol tiegħu fin-nurseries, il-coaching u għall-kummentarji sportivi tiegħu.

Il-Malta Football Association hija onorata li Fr Hilary Tagliaferro ingħata dan l-unur prestiġjuż mill-UEFA.

# Roderick Briffa

## huwa l-MFA Player tas-Sena 2015/16

Għat-tieni darba fil-karriera tiegħu, il-midfielder internazzjonali ta' Valletta, Roderick Briffa, rebaħ l-unur tal-Player tas-Sena, bl-ieħor jasal fl-2010/11.

Dan tħabbar waqt is-serata tal-MFA Awards għal dan l-istaġun li ġiet organizzata f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi.

Kienet serata fejn ġew ippremjati l-aħjar plejers fi 11-il kategorija mid-diviżjonijiet kollha inklużi dawk tan-Nisa.



Roderick Briffa ppreżentat bit-trofew tal-Player tas-Sena 2015/16 mis-Segretarju Parlamentari, Chris Agius, fil-preżenza tal-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo

**L-unuri ntrebħu hekk:**

**Il-Player tas-Sena:**
Roderick Briffa (Valletta)
Jonathan Caruana (Valletta)
Alfred Effiong (Balzan)
Bjorn Kristensen (Hibernians)
Lydon Micallef (Balzan)

**Il-Coach tas-Sena:**
Paul Zammit (Valletta)
Branko Nisevic (Hibernians)
Jacques Scerri (Balzan)

**Il-Player żagħżugħ tas-Sena:**
Jurgen Degabriele (Hibernians)
Llewelyn Cremona (Valletta)
Luke Montebello (Tarxien R.)

**L-Aħjar Player Barrani:**
Gilmar Ribeiro Da Silva (Hibernians)
Jhonnattann Benites Da Conceicao (Valletta)
Federico Falcone (Valletta)

**L-Aħjar Player - I Diviżjoni:**
James Obaje Audgustine (Senglea A.)
Haruna Garba (Hamrun S.)
Raphael Alain Kooh Sohna (Gzira U.)

**L-Aħjar Player - II Diviżjoni:**
Muda Fagbeja (Għargħur)
Lazar Doric (Mgarr U.)
Giovanni Galea (Sirens)

**L-Aħjar Player - III Diviżjoni:**
Florin Anton (Għaxaq)
Andrew Agius (St Lucia)
Mohammed Telessi (St Lucia)

**L-Aħjar Player Femminli:**
Stephania Farrugia (Birkirkara)
Dorianne Theuma (Hibernians)
Shona Zammit (Hibernians)

**L-Aħjar Player tal-Youths:**
Jurgen Degabriele (Hibernians)
James Brincat (Mosta)
Paul Lapira (Balzan)

**L-Aħjar Player tal-GFA:**
Shaun Bajada (Għajnsielem)
Elton Vella (Kercem A.)
Joseph George Vella (Għajnsielem)

**L-Aħjar Player tal-Futsal:**
Jovica Milijic (Valletta)
Karl Azzopardi (Luxol)
Melvin Borg (Valletta)

**It-team bl-aħjar Fair Play**
Rabat Ajax FC

**Il-Goal tas-Sena**
Edmond Agius (Birkirkara)

**Il-President's Award**
Carmel Baldacchino

**Matul din is-serata ttellgħu wkoll il-fixtures tal-ewwel ġurnata tal-Kampjonat Premier 2016/17 li rriżultaw hekk:**
Floriana v Pembroke A.
Birkirkara v St Andrew's
Balzan v Mosta
Gzira U. v Tarxien H.
Valletta v Sliema W.
Hibernians v Hamrun S.




Is-Segretarju Ġenerali tal-MFA, Bjorn Vassallo (lemin), itella' l-poloz tal-ewwel ġurnata tal-Kampjonat Premier 2016/17



L-FA Trophy l-ġdida

| Sena | Rebbieħa | Sena | Rebbieħa |
|---|---|---|---|
| 1935 | Sliema W. | 1978 | Valletta |
| 1936 | Sliema W. | 1979 | Sliema W. |
| 1937 | Sliema W. | 1980 | Hibernians |
| 1938 | Floriana | 1981 | Floriana |
| 1939 | Melita | 1982 | Hibernians |
| 1940 | Sliema W. | 1983 | Hamrun S. S. |
| 1945 | Floriana | 1984 | Hamrun S. S. |
| 1946 | Sliema W. | 1985 | Zurrieq |
| 1947 | Floriana | 1986 | Rabat A. |
| 1948 | Sliema W. | 1987 | Hamrun S. |
| 1949 | Floriana | 1988 | Hamrun S. |
| 1950 | Floriana | 1989 | Hamrun S. |
| 1951 | Sliema W. | 1990 | Sliema W. |
| 1952 | Sliema W. | 1991 | Valletta |
| 1953 | Floriana | 1992 | Hamrun S. |
| 1954 | Floriana | 1993 | Floriana |
| 1955 | Floriana | 1994 | Floriana |
| 1956 | Sliema W. | 1995 | Valletta |
| 1957 | Floriana | 1996 | Valletta |
| 1958 | Floriana | 1997 | Valletta |
| 1959 | Sliema W. | 1998 | Hibernians |
| 1960 | Valletta | 1999 | Valletta |
| 1961 | Floriana | 2000 | Sliema W. |
| 1962 | Hibernians | 2001 | Valletta |
| 1963 | Sliema W. | 2002 | Birkirkara |
| 1964 | Valletta | 2003 | Birkirkara |
| 1965 | Sliema W. | 2004 | Sliema W. |
| 1966 | Floriana | 2005 | Birkirkara |
| 1967 | Floriana | 2006 | Hibernians |
| 1968 | Sliema W. | 2007 | Hibernians |
| 1969 | Sliema W. | 2008 | Birkirkara |
| 1970 | Hibernians | 2009 | Sliema W. |
| 1971 | Hibernians | 2010 | Valletta |
| 1972 | Floriana | 2011 | Floriana |
| 1973 | Gzira U. | 2012 | Hibernians |
| 1974 | Sliema W. | 2013 | Hibernians |
| 1975 | Valletta | 2014 | Valletta |
| 1976 | Floriana | 2015 | Birkirkara |
| 1977 | Valletta | 2016 | Sliema W. |

# Esebit id-disinn tal-FA Trophy l-ġdida

Waqt is-serata tal-MFA Awards ġie esebit ukoll id-disinn tal-FA Trophy l-ġdida li se tieħu post dik li aktar kmieni matul dan ix-xahar ġiet mirbuħa minn Sliema Wanderers li nċidentalment rebħu l-ewwel edizzjoni tagħha, fl-1935, meta klenu għelbu lil Floriana bl-iskor ta' 4-0.

Din it-trofew ġdida ġiet im-manifatturata mid-ditta Thomas Lyte London, li mmanifatturat it-Tazza tad-Dinja tar-Rugby (six nations), tal-Cricket, tal-Golf, tad-Davis Cup kif ukoll l-FA Cup, fost oħrajn.

Din it-trofew se tkun preżentata lit-tim rebbieħ fil-ground fejn hemm il-ħsieb ukoll li l-MFA tagħmel replika tagħha minħabba l-biżgħa li tista' tiġrilha xi ħsara waqt iċ-ċelebrazzjonijiet kif fil-fatt dik attwali sofriet minn bosta ħsarat mal-medda taż-żmien.

L-FA Ingliża offriet ukoll li tagħmel il-manutenzjoni meħtieġa lill-FA Trophy eżistenti li għandha bosta biċċiet oriġinali neqsin. L-għamla tat-trofew il-ġdida hija simili ta' dik preżenti.

Din it-trofew il-ġdida se tkun preżentata lill-MFA qabel il-partita bejn l-Ingilterra u Malta, valida mir round preliminari tat-Tazza tad-Dinja 2018, li se tintlagħab f'Wembley Stadium, nhar il-8 ta' Ottubru li ġej.

Minn mindu ġiet introdotta, fl-1935, l-FA Trophy intrebħet minn dawn it-timijiet – Sliema W. W. (21); Floriana (19); Valletta (13); Hibernians (10); Hamrun S. S. (6); Birkirkara (5); Gzira U. (1); Melita (1); Rabat A. (1); Zurrieq (1).



# Anti-Corruption & Transparency Experts' Task-Force

It-Tnejn 25 ta' April, 2016, saret it-tielet laqgħa tal-Anti-Corruption & Transparency Experts' Task-Force, li ħolqot il-Malta Football Association u li fiha, l-esperti fil-qasam jagħmlu networking f'kumitat li l-għan tiegħu hu dak li jlesti proposta ta' Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali lill-Parlament Malti, liema pjan mistenni jiffoka fuq erba' aspetti. Dawn jinkludu prevenzjoni u edukazzjoni, leġiżlazzjoni, regolamentazzjoni sportiva, investigazzjoni u infurzar.

It-Task-Force qed taħdem biex hekk kif ġara f'pajjiżi oħra tkun kostitwita pjattaforma nazzjonali li tibda taħdem biex tiġġieled il-korruzzjoni fl-isport u mhux biss fil-futbol, għalkemm kienet l-MFA li ħadet l-ewwel inizjattiva li tgħaqqad dan il-kumitat fuq proposta tal-Kumitat Eżekuttiv tal-istess Assoċjazzjoni.

Għal din il-laqgħa attendew Bjorn Vassallo, Segretarju Ġenerali tal-MFA, Dr Chris Bonett, Viċi President tal-MFA, Dr Adrian Camilleri, Prosekutur tal-MFA, Franz Tabone, Integrity Officer tal-MFA, Dr Carmelo Abela, Ministru tal-Intern u Sigurtá Nazzjonali, Is-Sur Chris Agius, Segretarju Parlamentari għall-Isport, Riċerka, Żgħażagħ u Innovazzjoni, Dr Jason Azzopardi, Kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Ġustizzja, Dr Karl Brincat, Malta Gaming Authority Senior Legal Advisor, Dr Domenic Micallef, Malta Gaming Authority, Chief Investigations & Enforcement Officer, Is-Sur David Agius, Kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Isport, Is-Sur Sean Scicluna u s-Sur Ian Abdilla, mill-Pulizija ta' Malta u Dr Karen Zammit Southernwood, minn SportMalta.

Is-Sur Vassallo, li mexxa u fetaħ din il-laqgħa, fakkar fid-Dikjarazzjoni ta' Intenti ffirmata mill-entitajiet kollha fi ħdan it-Task Force u li permezz tagħha t-Task Force għamlet pubbliku l-objbjettiv prinċipali tagħha.

Is-Segretarju Ġenerali tal-MFA qal ukoll li matul l-aħħar xhur tlesta x-xogħol tal-Working Groups dwar l-erba' aspetti (elenkati qabel) li t-Task-Force qiegħda taħdem fuqhom.

Wara l-introduzzjoni tas-Sur Vassallo bħala Chairman tat-Task-Force, tkellem Dr Chris Bonett li mexxa l-working group dwar il-Leġiżlazzjoni, Investigazzjoni u Infurzar, fejn spjega x-xogħol li sar u ppreżenta rapport voluminuż u tekniku lill-kamra. Id-diskussjoni kompliet fit-tul b'interventi varji minn dawk preżenti fuq suġġetti relatati fosthom il-Konvenzjoni Ewropea fuq il-Manipulazzjoni ta' Kompetizzjonijiet Sportivi.

# UEFA Pro Module f'Nyon




Aktar kmien dan ix-xahar, il-kandidati tal-kors UEFA Pro u l-istaff tal-Coaching Education segwew kors flimkien ma' kandidati oħra ġejjin mill-Bulgarija, il-Latvja u l-Irlanda ta' Fuq.

F'dan il-kors, li dam tlett ijiem, il-parteċipanti Maltin ħadu sehem b'mod attiv fis-sessjonijiet ta' Teorija u Prattika li kien preparat tajjeb ħafna fejn ġew fis-seħħ fuq il-pitch innifsu.

Bħat-tliet pajjiżi l-oħra, huma ngħataw ir-responsabbiltà li janalizzaw u jippreparaw sessjonijiet ta' taħriġ konformi maż-żewġ semifinali tal-UEFA Champions League li ntlagħbu matul l-istess ġimgħa.

It-tim li ġie analizzat mill-Maltin kien dak ta' Real Madrid. L-organizzaturi tal-UEFA ta' dan il-programm ta' skambju kellhom kliem ta' tifħir għall-parteċipazzjoni Maltija, li tawgura ferm tajjeb għall-futur għall-coaches professjonali Maltin li għandhom isegwu dan l-istess kors.

Il-kors "Pro" ikompli bis-sitt module matul Ġunju.

# Kors tal-Grassroots tal-FIFA



Nhar l-Erbgħa, 11 ta' Mejju, iċ-Ċentru Tekniku tal-MFA nieda kors tal-Grassroots tal-FIFA, fuq ħamest ijiem għal 24 parteċipant ġejjin minn diversi nurseries madwar Malta.

Biex imexxi dan il-kors, il-FIFA bagħtet f'pajjiżna lil Thomas Bickle, li huwa eks plejer tat-team nazzjonali Svizzeru u li lagħab 52 logħba internazzjonali għal pajjiżu fosthom tnejn kontra pajjiżna madwar 10 snin ilu. Huwa instructor tal-FIFA fil-Grassroots Football.

Il-kors infetaħ mid-Direttur Tekniku tal-MFA, Robert Gatt, li fl-indirizz qasir tiegħu spjega l-progress kbir li ċ-Ċentru Tekniku tal-MFA kiseb matul dawn l-aħħar snin fl-iżvilupp ta' players żgħażagħ, speċjalment permezz tal-Programm tal-Grassroots.

Il-kors intemm, nhar il-Ħadd, 15 ta' Mejju, permezz ta' Grassroots Festival li għalih attendew madwar 100 tifel u tifla.



# Hamrun Spartans FC

## jgħinu fil-Football Social Responsibility



Hamrun Spartans, il-klabb li reġa' ġie promoss għall-Kampjonat BOV Premier, kellhom parti mportanti fil-Football Social Responsibility li tisħaq tant fuqha l-Malta Football Association, b'fuq quddiemnett il-president, Norman Darmanin Demajo.

F'serata li saret matul ix-xahar li għadda, b'rikonoxximent għall-erba' eks-plejers tal-klabb - Michael Degiorgio, Raymond Vella, Joe Brincat u Stefan Sultana - huma kellhom fost il-mistiedna ta' unur lil Bjorn Formosa, iż-żagħżugħ li f'dawn l-aħħar xhur u ġimgħat issemma' f'ħafna drabi fil-media lokali li qed isofri mill-marda tal-ALS u li minflok ma għamel xejn, iddeċieda li jagħti l-għajnuna kollha tiegħu biex xi darba tinstab kura għal din il-marda.

Formosa huwa żagħżugħ Ħamruniż li minn dejjem kien dilettant u partitarju ta' Hamrun Spartans. Għaldaqstant, ta' min ifaħħar l-inizjattiva li ħa l-klabb Ħamruniż li jistiednu għal din is-serata fejn seta' jgawdi għal ftit ħin il-kumpanija ta' plejers leġġendarji Maltin li kienu parti mill-istorja tas-snin '80 tal-klabb.

Il-Kumitat ta' Hamrun Spartans FC, waqt din is-serata, sab ukoll il-ħin biex jawgura lil Formosa fil-missjoni tiegħu li jaħdem u jgħin biex tinstab soluzzjoni għal din il-marda u fl-istess waqt la wkoll donazzjoni li se tgħin f'din il-missjoni.

Fl-istess serata ingħataw rikonoxximenti lin-nursery ta' Hamrun Spartans FC u lil Gejtu Debattista, li ilu jservi 40 sena fil-Kumitat tal-istess Hamrun Spartans.

Is-serata saret, is-Sibt 9 ta' April, l-istess ġurnata li fiha kien jagħlaq sninu Victor Tedesco, eks-president ta' Hamrun Spartans.

L-MFA tħeġġeġ lill-klabbs lokali kollha biex ikunu ta' eżempju huma wkoll u jgħinu kemm jistgħu fir-rigward tal-Football Social Responsibility.

# McDonald's Player Escort Campaign
# Jitħabbru r-rebbieħa





Robert Schembri u Karl Galea huma r-rebbieħa tal-McDonald's Player Escort Campaign minn mijiet li kienu applikaw biex jipparteċipaw f'din il-kompetizzjoni.

It-tlugħ ta' din il-lotterija sar, is-Sibt 30 ta' April, wara l-festival McDonald's FootballPlus for kids li sar f'Ħal-Lija. Schembri se jkun qed jesperjenza l-parteċipazzjoni tiegħu fil-finali tal-Euro 2016, f'Pariġi, filwaqt li Galea se jkun qed jipparteċipa f'waħda mis-semi-finali tal-istess kompetizzjoni. Il-poloz ittellgħu minn Lee Warren, General Manager tal-Premier Restaurants Malta Ltd u Cynthia Caruana, Marketing Manager ta' McDonald's Malta.

Ħamsa u sebgħin tifel u tifla pparteċipaw f'din il-kompetizzjoni li minkejja li r-rebbieħa kienu tnejn, il-kumplament xorta għandhom ix-xorti li jkunu player escorts għall-partita ta' għada bejn l-Italja u Skozja, fl-Istadium Nazzjonali, u dik li se tintlagħab bejn Malta u Slovenja fl-istess stadium.

L-attivitá saret fiċ-ċentru ta' Ħal-Lija u involviet lill-MFA, il-YFA u l-McDonald's, flimkien ma' Lija Athletic FC, Iklin Nursery u l-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija.

Il-McDonald's FootballPlus for Kids hi waħda mill-attivitajiet tal-MFA Grassroots li tifforma parti mill-istrateġija tal-MFA għat-tkabbir u r-retenzjoni fil-parteċipazzjoni tal-futbol lokali. Din l-attivitá hi wkoll parti minn proġett pilota tal-UEFA fejn Malta ġiet magħżula minn sitt pajjiżi oħra.

L-attivitá li jmiss tal-McDonald's FootballPlus for Kids Festival, se ssir, il-Ħadd 15 ta' Mejju, fil-faċilitajiet sportivi ta' Marsaxlokk FC.

# Fażi Finali tal-Futsal tal-iskejjel tas-subien

Il-fażi finali tal-kompetizzjoni tal-Futsal għall-iskejjel tas-subien, li ntlagħbet fit-12 ta' Mejju, fil-Padiljun tal-Assoċjazzjoni Sportiva Hibernians, kienet organizzata mill-Isport Promotion Unit (SPU) fi ħdan SportMalta u d-Direttorat għall-Kwalitá u Standards tal-Edukazzjoni (DQSE) flimkien mad-Dipartiment tal-*Grassroots* fi ħdan iċ-Ċentru Tekniku tal-*Malta Football Association*(MFA).

L-iskejjel li kkwalifikaw għall-fażi finali kienu: l-Iskola Nazzjonali tal-Isport, is-Seminarju tal-Arċisqof tal-Virtú, l-Iskola Sekondarja taż-Żokrija, Mosta (Kulleġġ Marija Regina) u l-Iskola St Michael's Qormi.

Il-logħob kien bilanċjat, akkanit u pjaċevoli u ta' livell għoli. Ir-referis ikkontrollaw il-logħob bla diffikultá u faħħru l-imġieba korretta tal-plejers kollha.

Il-klassifika finali kienet hekk: 7 punti – Skola Nazzjonali tal-Isport; 6 – Skola St Michael's (Qormi); 4 – Skola Sekondarja taż-Żokrija; 0 – Seminarju tal-Arċisqof tal-Virtú.

Ingħata wkoll premju għall-Fair Play, fejn is-subien urew imġieba sportiva tajba ħafna fejn il-klassifika kienet taqra: 29 - Seminarju tal-Arċisqof tal-Virtú; 26 - Skola Nazzjonali tal-Isport; 25 - Skola Sekondarja taż-Żokrija; 22 - Skola St Michael's (Qormi).

L-organizzaturi jirringrazzjaw lill-parteċipanti mill-iskejjel kollha, l-Assoċjazzjoni Sportiva Hibernians, li ġentilment ipprovdew il-faċilitajiet tagħhom, Futsal Malta Association (FMA), TeamSport u GSD Marketing Ltd. tal-għajnuna materjali tagħhom.

L-MFA u l-entitajiet Edukattivi u Sportivi jittamaw li l-parteċipazzjoni tal-iskejjel tkompli tiżdied biex dan it-tournament ikompli jikber u jgħin ikattar il-Futsal.









## Kondoljanzi Ronnie Naudi

Il-Malta Football Association uriet is-sogħba għall-mewt ta' Ronald Naudi, li ġrat fit-9 ta' Mejju, li għadda.

Is-Sur Naudi qeda l-irwol ta' president ta' Pembroke Athleta FC u Membru tal-Kunsill f'isem l-istess klabb, lura fl-1994.

Huwa wkoll eks-plejer tal-futbol mal-klabb ta' Melita.

Is-Sur Naudi jibqa' mfakkar bħala raġel ta' eżempju li ħadem ħafna għall-ġid tal-futbol f'pajjiżna

L-MFA bagħtet ukoll il-kondoljanzi profondi tagħha lill-familja Naudi f'mument daqstant diffiċli.

UEFA UNDER17 CHAMPIONSHIP Azerbaijan 2016



# Il-UEFA b'ħatra prestiġjuża għall-FIFA Assitant Referi Edward Spiteri

Il-FIFA Assistant Referi, Edward Spiteri, kien magħżul mill-UEFA biex ikun parti minn grupp ta' tmien referis, 12-il assistant referis u erba' raba' uffiċjali ġejjin minn 23 pajjiż Ewropew għall-UEFA European Under-17 Championship 2016, li sar, f'Baku, fl-Ażerbaijan, mill-5 sal-21 ta' Mejju, 2016.

Dan l-avveniment – sa mill-2001/02 beda jsir kull sena, u ħa post il-UEFA European Under-16 Championship – kien jikkonsisti f'fażi ta' kwalifikazzjoni, elite round, u mill-2014/15, fażi finali ta' 16-il skwadra maqsumin f'erba' gruppi, bl-ewwel u t-tieni klassifikat minn kull wieħed jipproċedu għall fażi eliminatorja.

**Il-gruppi kienu maqsumin kif ġej:**

Grupp A: Azerbaijan, Portugall, Belġju, Skozja.

Grupp B: Ukrajna, Ġermanja, Awstrija, Bosnja

Grupp Ċ: Franza (rebbieħa fl-aħħar edizzjoni), Danimarka, Ingilterra, Svezja

Grupp D: Italja, Serbja, Olanda, Spanja

It-timijiet li kkwalifikaw għall-kwarti tal-finali kienu Portugall, Awstrija, Ġermanja, Belġju, Svezja, Olanda, Spanja u Ingilterra.

**Il-logħob sar kif ġej:**

Fażi tal-Gruppi fil-5/6, 8/9, 11/12 ta' Mejju (f'Baku Olympic Stadium, Qarabag Stadium, 8km Stadium u Dalga Arena)

Kwarti tal-finali fl-14/15 ta' Mejju (f'8km Stadium, Dalga Arena)

Semi-finali fit-18 ta' Mejju (f'Dalga Arena u 8km Stadium)

Finali fil-21 ta' Mejju (8km Stadium)

Wara l-prestazzjonijiet tajbin ħafna fl-erba' logħbiet li kellu fil-Fażi tal-Gruppi Finali, jiġifieri Italja v Serbja (2-1), Azerbaijan v Belġju (1-1), Bosnja v Ukrajna (2-1), u Danimarka v Ingilterra (1-3), Edward Spiteri kien appuntat għal-logħba mill-kwarti-finali, Svezja v Olanda (0-1).



## Il-finali tal-Malta FA Trophy l-aħħar logħba fil-karriera tar-referi Marco Borg

Is-Sibt, 14 ta' Mejju, 2016, tibqa' ġurnata memorabbli għal Marco Borg meta fl-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali, ikkontrolla l-aħħar logħba tiegħu u tal-istaġun 2015/16 – il-Malta FA Trophy Final, bejn Balzan u Sliema Wanderers.

Wara karriera twila xejn inqas minn 26 sena (l-aħħar 15 fl-ogħla kategorija) u b'ħafna snin minnhom ta' esperjenza internazzjonali, Marco Borg iddeċieda li jsaffar għall-aħħar darba u jdendel is-suffara, eventwalment ħdejn il-midalja kommemorattiva ta' The Malta FA Trophy

Kienet finali li spiċċat bil-ħin barrani u finalment kienu Sliema Wanderers li rebħu 5-4 wara l-għoti tal-penalties wara draw ta' 0-0.

Għal din l-aħħar logħba tiegħu, it-team ta' Marco Borg kien kompost minn Duncan Sultana u Luke Portelli bħala Assistant Referees, Alan Mario Sant u Trustin Farrugia Cann bħala Additional Assistant Referees, Sandro Spiteri r-Raba' Uffiċjal, u Peter Abela ir-Reserve Assistant Referee.



# L-ewwel programm ta' skambji ta' referis għall-uffiċjali Maltin tal-Futsal

Wara li fl-aħħar snin rajna bosta referis tal-football fi skambji ma' numru ta' Assoċjazzjonjiet u Federazzjonijiet Ewropej, id-Dipartiment tar-Refeering tal-Malta Football Association ħa inizjattiva simili fil-logħba tal-Futsal.

Dan il-ftehim ma' San Marino Football Federation immaterjalizza lejn l-aħħar ta' April 2016, meta r-referis minn San Marino Daniele D'Adamo u Massimo Nanni, flimkien mar-referis lokali Robert Darmanin u Jonathan Mallia, ikkontrollaw iż-żewġ logħbiet mill-First Division Play-Offs Sliema Wanderers vs Mqabba (Referi 1 Robert Darmanin/Referi 2 Daniele D'Adamo) u Sirens vs Zebbug Rangers (Referi 1 Jonathan Mallia/Referi 2 Massimo Nanni); timekeeper fiż-żewġ logħbiet kienet Joanna Vassallo.

Imbagħad kien imiss lir-referis Clinton Mario Cassar (referi ġdid tal-FIFA) u Jonathan Mallia imorru San Marino biex jikkontrollaw iz-zewg partiti play-off mill-Ewwel Diviżjoni San Giovanni vs Fiorentino (Referi 1 Jonathan Mallia/Referi 2 Marco Pagani) u Murata vs Tre Fiori (Referi 1 Clinton Mario Cassar/Referi 2 Giovanni Notarpietro).

Ir-referis kienu akkumpanjati minn Adrian Caruana li kien ir-referi observer taż-żewġ partiti msemmija.

Din kienet opportunità oħra għall-uffiċjali tagħna biex jiksbu esperjenza imprezzabbli lil hinn minn xtutna, u l-ewwel darba għaż-żewġ referis Clinton Mario Cassar u Jonathan Mallia.

# Seminar għall-uffiċjali nominati għall-promozzjoni



Ir-Referiing Department fi ħdan il-Malta FA, nhar is-Sibt, 14 ta' Mejju, organizza seminar ta' nofs ta' nhar bħala parti minn proċess ta' ristrutturar bil-għan li jkun hemm żieda u firxa wiesa' ta' uffiċjali fil-kategoriji differenti kollha.

Il-biċċa l-kbira tal-44 kandidat għandhom bejn it-18 u t-32 sena ... snin li fihom il-UEFA tinkoraġġixxi jingħatawlhom opportunitajiet ġodda kemm jista' jkun. B'dan il-mod, flimkien mar-referis ta' esperjenza, dawn il-kandidati jiffaċilitaw biex mill-istaġun li ġej ir-Refereeing Department isibha eħfef fit-tqassim tal-appointments għall-ammont kbir ta' logħbiet li għandna.

Fis-Seminar ġew inklużi sessjonijiet li trattaw l-offside, l-immaniġġjar ta' deċiżjonijiet kbar, it-teamwork u l-koperazzjoni, test tal-fitness, kif ukoll prova ta' test tar-Regolamenti tal-Logħba.

Is-Seminar tmexxa mill-Aġent Direttur tar-Refereeing, Kevin Azzopardi, u r-Refereeing Officer, Philip Agius.

L-eżamijiet kollha tad-diversi kategoriji jsiru fil-ġimgħat qrib.



L-iskwadra ta' Valletta li rebħet il-Kampjonat 2015/16

# Valletta champions
## għat-23 darba fl-istorja tal-club

**KIF SPIĊĊAW**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Valletta | 33 | 25 | 4 | 4 | 69 | 27 | 53 |
| Hibernians | 33 | 22 | 8 | 3 | 85 | 33 | 49 |
| Birkirkara | 33 | 20 | 8 | 5 | 64 | 29 | 47 |
| Balzan | 33 | 20 | 6 | 7 | 69 | 33 | 44 |
| Floriana | 33 | 18 | 4 | 11 | 60 | 42 | 39 |
| Tarxien R. | 33 | 15 | 8 | 10 | 59 | 31 | 35 |
| Sliema W. | 33 | 12 | 6 | 15 | 49 | 51 | 30 |
| Pembroke A. | 33 | 10 | 6 | 17 | 48 | 61 | 24 |
| Mosta | 33 | 10 | 7 | 16 | 42 | 60 | 22 |
| St Andrew's | 33 | 4 | 3 | 26 | 32 | 90 | 13 |
| Naxxar L. | 33 | 5 | 4 | 24 | 29 | 95 | 12 |
| Qormi | 33 | 3 | 4 | 26 | 26 | 80 | 9 |

Valletta huma ċ-champions il-ġodda hekk kif dan il-Kampjonat huwa t-23 wieħed fl-istorja tal-club.

Dan is-suċċess kien wieħed meritat minħabba li t-team immexxi mill-coach, Paul Zammit, kien l-aktar konsistenti anke jekk fl-aħħar mumenti dehru li setgħu jikkrollaw fejn fallew erba' punti (fit-telfa ta' 2-0 kontra Floriana u d-draw ta' 1-1 kontra Birkirkara).

Iżda fl-aktar mument kruċjali huma wrew karattru bil-konsegwenza li laħqu l-obbjettiv tagħhom.

Il-Lilywhites kienu segwiti minn Hibernians li dehru li setgħu jagħtu sfida qawwija lil Valletta iżda ma rnexxielhomx jaqbżu l-aħħar ostaklu qabel ma setgħu jaffrontaw lil Valletta f'dik li kienet se tkun meqjusa bħala l-logħba deċiżiva.

Dan minħabba li fit-32 ġurnata huma sfaw megħluba minn Birkirkara bl-iskor ta' 2-1 biex baqgħu b'distakk ta' erba' punti u għaldaqstant l-aħħar partita, kontra Valletta, kienet biss formalitá hekk kif il-Beltin iċċelebraw ir-rebħ tat-titlu.

Minkejja li Birkirkara spiċċaw fit-tielet post, huma kienu d-diżappunt ta' dan il-Kampjonat minħabba l-aspettativi tant għoljin li kellhom fil-bidu tal-istaġun. Iżda l-konsolazzjoni għalihom kienet li kkwalifikaw għall-kompetizzjoni tal-UEFA Europa League li bħalhom għamlu wkoll Balzan għat-tieni darba fl-istorja tal-club.

Fin-naħa t'isfel tal-klassifika, kienu Naxxar Lions u Qormi li tilfu posthom mal-kbar filwaqt li St Andrew's, li spiċċaw fl-10 post tal-klassifika, irnexxielhom iżommu posthom wara li rebħu r-Relegation Play/Off, bl-iskor ta' 2-1, kontra Senglea Athletic
Fil-post ta' Naxxar Lions u Qormi se jilagħbu Gzira United, li rebħu l-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni, u Hamrun Spartans li spiċċaw fit-tieni post.



Fuq - Il-coach Paul Zammit - il-moħħ wara s-suċċess ta' Valletta



Lemin - Taqtiegħa għall-ballun bejn Rodolfo Soares (Hibernians) u Roderick Briffa (Valletta)



Taħt - Jonathan Caruana (Valletta) jiddefendi l-ballun minn Jorginho (Hibernians)



# Min Qed Jiskorja

**20** – Mario Fontanella (Floriana).
**16** – Alfred Effiong (Balzan); Federico Falcone (Valletta).
**15** – Lydon Micallef (Balzan); Gilmar Ribeiro da Silva (Hibernians).
**14** – Jorge Santos Silva (Hibernians); Gustavo Villalobos (Pembroke A.);
**12** – Mauricio Villa (Floriana); Jorge Pereira da Silva (Hibernians); Godwin Mensha, 4 għal Balzan (Mosta); Luke Montebello (Tarxien R.); Michael Mifsud, 8 għal Sliema W., Abdelkarim Nafti (Valletta).
**11** – Aleksandar Vujacic (Balzan).
**10** – Vito Plut (Birkirkara); Alex Nilsson, 6 għal Qormi (Tarxien R.); Njongo Priso, 8 għal Valletta (Sliema W.).
**9** – Ryan Camenzuli (Birkirkara); Ayrton Azzopardi, Joao Pedro Oliveira Santos (Tarxien R.).
**8** – Matteo Piciollo (Floriana); Jean Paul Farrugia (Sliema W.).
**7** – Andrew Cohen, Bjorn Kristensen (Hibernians); Jhonnattan Benites de Concaicao (Valletta).
**6** – Fabrizio Miccoli (Birkirkara); Jurgen Degabriele (Hibernians); Demba Toure (Naxxar L.); Ariel Laudisi, Gustavo De Paula Nobrega, 2 għal Mosta (Pembroke A.); Joseph Farrugia (St Andrew's).
**5** – Paul Fenech, 2 għal Birkirkara, Pedro Calcado dos Santos, 1 għal Sliema W. (Balzan); Matija Smrekar, Frank Temile (Birkirkara); Andrei Agius, Juninho Cabral, Clayton Failla, (Hibernians); Edin Murga (Mosta); Austin Martz, Mano Micallef, 2 għal Mosta, Kyle O'Brien (Pembroke A.); Djamel Leeflang (Qormi); Denni Rocha dos Santos, 1 għal Hibernians (Sliema W.); Kyrian Nwoko (St Andrew's); Alex da Paixo Alves (Tarxien R.); Uchenna Umeh (Valletta).
**4** – Edmond Agius, Ellinton Morais (Birkirkara); Saviour Fidelis (Mosta); Terence Vella (Qormi); Lucky Victor Oseghali (St Andrew's); Claudio Frances, Daniel Zerafa (Tarxien R.); Rafael Ledesma, 3 għal Sliema W. (Valletta).
**3** – Zack Muscat, Ryan Scicluna, L'Imam Seydi (Birkirkara); Nicola Chiesa, Steve Pisani, Andrea Scozzese (Floriana); Jackson Lima Sequeiro (Hibernians); Ian Zammit (Mosta); Darren Falzon, Edoardo Vallecillo Casado (Naxxar L.); Ryan Micallef, Noah Olawole Ojuola (Qormi); Alex Muscat, Mark Scerri, Marko Potezica (Sliema W.); Matteo Desira Buttigieg, Michael Johnson, Salomon Wisdom (St Andrew's); Triston Caruana (Tarxien R.); Jean Borg, Llyewlyn Cremona (Valletta).
**2** – Justin Grioli, Bojan Kaljevic, Alan da Sousa Silva, Elkin Serrano Valero (Balzan); Mauricio Mazzetti, Goran Mujanovic, Edison Bilbao Zarate, 1 għal Balzan, Kurt Zammit (Birkirkara); Steve Bonnici (Floriana); Edison Luis dos Santos (Hibernians); James Brincat, Dyson Falzon, Omyekachi Okonkwo, Jonas Rodriguez Ekani, (Mosta); Duane Bonnici, Richard Cardoza, Emiliano Lattes (Naxxar L.); Obinna Obiefule (Pembroke A.); Eloy Edu Nkene (Qormi); Stefano Bianciardi, Aiden Friggieri, Kerlon Moura Souza (Sliema W.); Chris De Nguidjol, Jonatan Perez Cuestra (St Andrew's); Ebiabowie Baker, Carlos Menendez Hevia, Danilo Meira Santos (Tarxien R.); Roderick Briffa, Jean Pierre Mifsud Triganza (Valletta).
**1** – Ryan Darmanin, Ryan Fenech, Maxim Focsa (Balzan); Ivan Barroso, Christian Bubalovic, Gareth Sciberras, Nikola Vukanac (Birkirkara); Clyde Borg, Emerson Marcelina, Antonio Monticelli (Floriana); Marcelo Dias, Jonathan Pearson (Hibernians); Adrian Borg, Zachary Brincat, Samuel Chukwide, Tyrone Farrugia, Osa Guabadia (Mosta); Angus Buhagiar, Xhoeijan Cekaj, Jurgen Debono, David Fenech, Ennio Hamutenyu, Sidione Oussou, Blazo Rajovic, Andrew Scicluna (Naxxar L.); Gibson Bardsley, Leighton Grech, Lyden Micallef, James Togbah (Pembroke A.); Alessio Cassar, Clifford Gauci, Sibi Gwar, Ousmane Sidibe (Qormi); Johann Bezzina, Kyle Hendry, Gary Muir, Sebastian Perdomo Esquivel, Haruna Shola Shodiya (Sliema W.); Enmy Manuel Pena Beltre, Bong Won Che, Mariglen Sehutaj (St Andrew's); Lucky Omerou, Alan da Silva Souza (Tarxien R.); Ian Azzopardi, Gill Juan Cruz, Claudio Pani, Romeu Romao, Jurgen Suda (Valletta).
**Auto-goals** – (21) 2 – Ousmane Sidibe (Qormi v Birkirkara 0, v Naxxar L. 0-5); Peter Xuereb (Sliema W. v Balzan 3-3); 1 – Tyrone Farrugia (Mosta v Sliema W. 1-2); Nicola Andreis (St Andrew's v Sliema W. 0-1); Bruno Giglio de Oliveira (Tarxien R. v Valletta 1-3; Zoran Levnaic (Pembroke A. v Mosta 0-2); Steve Bonnici (Floriana v Pembroke A. 2-1); Mark Scerri (Sliema W. v Tarxien R. 2-3); Steve Bezzina (Balzan v Naxxar L. 4-2); Clyde Cumbo (St Andrew's v Qormi 0-4); Enrico Pepe (Floriana v Hibernians 2-4); Daniel Zerafa (Tarxien R. v Hibernians 0-2); Edafe Uzeh (St Andrew's v Floriana 0-5); Billy Berntsson (Qormi v Sliema W. 3-6); Jonathan Caruana (Valletta v Hibernians 3-2); Rennie Testa (Pembroke A. v Balzan 1-2); Andrew Scicluna (Naxxar L. v Hibernians 0-8); Alvaro Hungria Rosero (Naxxar L. v Hibernians 0-8); Cain Attard (Birkirkara v Balzan 1-1).

## Relegation Play-Off

**06.05.2016 19.30 hrs**
**St Andrew's** **2**
E. M. Pená Beltre 52, K. Nwoko 86
**Senglea Athletic** **1**
R. Dalli 18 pen

HT 0-1 **Hibernians Stadium**
**St Andrew's** – 12-Jake Galea, 2-Enmy Manuel Pena' Beltre, 15-Michael Johnson, 5-Che Bong Won, 20-Liam Grech, 4-Dale Camilleri, 13-Francis Chinatu Onwudinjo (8-Victor Lucky Oseghale 83) 11-Joseph Farrugia, 9-Matteo Desira Buttigieg (17-Jacob Walker 42), 14-Kyrian Nwoko, 10-Michael Salomon Wisdom
**Ass. Coach** – Brian Chetcuti
**Senglea A.** – 1-Jeffrey Farrugia, 5-Randall Vella, 8-Pablo Cesar Doffo, 6-Mattia Del Negro, 24-Keith Tanti, 10- Christian Cassar, 11-Miguel Ciantar (13-Juan Manuel Artiago Roa 78), 17-Jurgen Farrugia, 7-James Obaje Aud-Gustine (15-Denis Sytnik 71), 23-Emiliano Patricio Lattes, 14-Ryan Dalli
**Coach** – George Faure
**Referee** – Malcolm Spiteri
**Assistenti** – Thomas Debono, Martin Borg
**Raba' Uff.** – Peter Abela
**Ammoniti** – P. C. Doffo, C. Cassar, M. Ciantar (Sen. A); L. Grech, K. Nwoko (St And's)

## III Round

**Loghba Nru 187 - 23.04.2016 - 16.00 hrs**
**Pembroke Athleta** 0
**Tarxien Rainbows** 4
C. Frances 25, 44, J. P. Oiveira Santos 66, A. Azzopardi 79

**HT 0-2 National Stadium**
**Pembroke A.** – 30-Matthew Farrugia, 24-Obinna Obiefule (23-Gustavo Da Silva Nobrega 67), 9-Manolito Micallef, 15-Tyrone Fenech (11-Siraj Arab Eddin 54), 4-Zoran Levnaic, 22-Alex Cini, 19-Rennie Tanti (77-Leighton Grech 60), 7-Gustavo Villalobos, 5-Owen Bugeja, 28-Terence Agius, 16-Ariel Laudisi
**Coach** – Winston Muscat
**Tarxien R.** – 1-Andrea Cassar, 2-Ebiabowei Baker, 7-Triston Caruana, 8-Brandon Muscat, 9-Alex Nillson (46-Luke Montebello 46), 10-Ayrton Azzopardi (11-Roderick Bajada 84), 16-Sergio Fernandez Prendes, 18-Alex Da Paixao Alves (4-Manuel Caruana 81), 19-Matthew Tabone, 20-Joao Pedro Oliveira Santos, 33-Claudio Frances
**Coach** – Jacques Scerri
**Referee** – Stefan Pace
**Assistenti** – Roberto Vella, Chris Francalanza
**Raba' Uff.** – Trustin Farrugia Cann
**Ammoniti** – J. P.Oliveira Santos, S. Fernandez Prendes (TR)

## III Round

**Loghba Nru 190 - 23.04.2016 - 18.00 hrs**
**Qormi** 1
Noah Ojuola 16
**Sliema Wanderers** 0

**HT 1-0 Hibernians Stadium**
**Qormi** – 13-Jean Mattias Vella, 19-Emerson Vella, 7-Kurt Magro, 20-Djamel Leeflang, 27-Alessio Cassar, 6-Ousmane Sidibe, 29-Noah Ojuola, 5-Yannick Yankam, 14-Clifford Gauci, 26-Iven Zammit, 9-Nagaoka Po (Terrence Vella, 68)
**Coach** – Johann Scicluna
**Sliema W.** – 1-Glenn Zammit, 2-Alexander Muscat, 33-Stefano Biancardi, 7-Aidan Jake Friggieri, 11-Njongo Priso, 15-Marko Potezica, 16-Michele Sansone (30-Jean Paul Farrugia 46), 17-Peter Xuereb, 19-Johann Bezzina (8-Mark Scerri 64), 20-Denni Rocha dos Santos, 23-Gary Muir
**Coach** – Alfonso Greco
**Referee** – Matthew Degabriele
**Assistenti** – Duncan Sultana, Peter Abela
**Raba' Uff.** – Fyodor Zammit
**Ammoniti** – S. Biancardi (SW)

## III Round

**Loghba Nru 193 - 28.04.2016 - 19.30 hrs**
**Mosta** 3
G. Mensha 11, pen. 71, D. O. Okonkwo 24
**Pembroke Athleta** 5
G. Da Silva Nobrega 27, 33, 85, K. O'Brien 42, M. Micallef 60

**HT 1-3 Victor Tedesco Stadium**
**Mosta** – 27-Omar Borg, 20 -Dyson Falzon (30-Jurgen Grech 86), 22-Tyrone Farrugia, 3-Rodrigues Ekani (9-Lyden Micallef 46), 23-Edile Micheletti, 11-Godwin Mensha, 10-Donatus Enyachi Okonkwo (82-Calvin Camilleri 81), 25-James Brincat, 8-Kyle Frendo, 14-Dexter Xuereb, 7-Zachary Brincat
**Coach** – Ivan Zammit
**Pembroke A.** – 30-Matthew Farrugia, 5-Owen Bugeja (31-Sunday Eboh 90), 8-Kyle O'Brien, 10-Paltemio Barbetti, 19-Rennie Tanti, 16-Ariel Laudisi (28-Terence Agius 74), 22-Alex Cini, 24-Obinna Obiefule (77-Leighton Grech 66), 23-Gustavo Da Silva Nobrega, 9-Manolito Micallef, 17-Geoffrey Spiteri
**Coach** – Winston Muscat
**Referee** – Sandro Spiteri
**Assistenti** – Luke Portelli, Martin Borg
**Raba' Uff.** – Malcolm Spiteri
**Ammoniti** – R. Tanti (PA)

## III Round

**Loghba Nru 196 - 29.04.2016 - 20.00 hrs**
**Balzan** 1
C. Attard 79 o.g.
**Birkirkara** 1
R. Camenzuli 81

**HT 0-0 National Stadium**
**Balzan** – 1-Christian Cassar, 86-Bojan Kaljevic (42-Alan Da Silva Souza 71), 50-Maxim Focsa, 11-Steve Bezzina, 20-Pedro Dos Santos Calcado, 88-Sean Cipriott, 17-Alfred Effiong (99-Aleksandar Vujacic 64), 15-Luke Sciberras (19-Jamie Zerafa 77), 7-Lydon Micallef, 23-Elkin Orlando Serrano Valero, 10-Dylan Grima
**Coach** – Oliver Spiteri
**Birkirkara** – 26-Miroslav Kopric, 22-Cain Attard, 5-Maurico Matias Latini Mazzetti, 3-Christian Bubalovic, 11-Goran Mujanovic, 10-Mislav Andelkovic (18-Ryan Darmanin 73), 23-Edison David Bilbao Zarate, 4-Gareth Sciberras, 20-Kurt Zammit (7-Ryan Camenzuli 61), 21-Matthew Guillaumier, 14-Vito Plut
**Coach** – Drazen Besek
**Referee** – Alan Mario Sant
**Assistenti** – Jurgen Spiteri, Chris Francalanza
**Raba' Uff.** – Thomas Debono
**Ammoniti** – L. Sciberras (Bz), G. Mujanovic (Bk)

## III Round

**Loghba Nru 188 - 23.04.2016 - 16.00 hrs**
**St Andrew's** 3
K. Nwoko 17, 26, V. Oseghale 66
**Naxxar Lions** 1
E. Vallecillo 93 pen

**HT 2-0 Hibernians Stadium**
**St Andrew's** – 19-Jake Galea, 2-Enmy Manuel Pena Beltre, 16-Eloy Nkene, 5-Bong Won Che (20-Liam Grech,76), 6-Jonatan Cuestra, 4-Dale Camilleri (9-Matteo Desira Buttigieg 55), 13-Francis Onwudinjo, 11-Joseph Farrugia (21-Ryan Sammut 85), 8-Victor Oseghale, 14-Kyrian Nwoko, 10-Michael Salomon Wisdom
**Ass. Coach** – Brian Chetcuti
**Naxxar L.** – 1-Alberto Gallinetta, 3-Andrew Scicluna, 4-Ryan Grech, 7-Edoardo Vallecillo Casado, 10-Daren Falzon, 9-Demba Toure (16-Jurgen Debono 63), 11-Duane Bonnici (23-Mark Fenech 31), 13-Jose Angel Pereira (2-Alvaro Javier Rosero 63), 19-David Fenech, 20-Angus Buhagiar, 21-Ennio Hamutenya
**Coach** – Jacques Scerri
**Referee** – Alan Mario Sant
**Assistenti** – Edward Spiteri, Thomas Debono
**Raba' Uff.** – Marco Borg
**Ammoniti** – E. Vallecillo, A. Scicluna (NL)
**Tkeċċa** – D. Falzon 87 (NL)

## III Round

**Loghba Nru 191 - 24.04.2016 - 16.00 hrs**
**Mosta** 2
G. Mensah 65 pen., 71
**Floriana** 4
J. Cabral 12, M. Fontanella 15, 29, M. Villa 39

**HT 0-4 National Stadium**
**Mosta** – 27-Omar Borg, 20-Dyson Falzon (2-Kyle Gatt 60), 22-Tyrone Farrugia, 3-Rodriguez Ekani, 23-Edile Michseletti, 11-Godwin Mensah, 10-Donatus Onyekah Okonkwo, 25-James Brincat (21-Neil Frendo 86), 8-Kyle Frendo, 14-Dexter Xuereb, 7-Zachary Brincat
**Coach** – Ivan Zammit
**Floriana** – 24-Matthew Grech, 4-Antonio Monticelli, 5-Enrico Pepe, 7-Steve Pisani (6-Mattia Zarb 59), 8-Clyde Borg (10-Conor Borg 65), 9-Mauricio Villa, 11-Juninho Cabral, 15-Neil Spiteri, 27-Steve Bonnici, 33-Emanuel Briffa, 89-Mario Fontanella (21-Luca Gatt 86)
**Coach** – Luis Oliveira
**Referee** – Mario Apap
**Assistenti** – Mitchell Scerri, Paul Apap
**Raba' Uff.** – Stefan Pace
**Ammoniti** – Hadd

## III Round

**Loghba Nru 194 - 29.04.2016 - 18.00 hrs**
**Qormi** 2
R. Micallef 26, T. Vella 39
**St Andrew's** 4
C. Bong Won 18, E. E. Nkene 32, M. S. Wisdom 34, J. Perez Cuestra 84

**HT 2-3 National Stadium**
**Qormi** – 13-Jean-Matthias Vella, 19-Emerson Vella, 7-Kurt Magro, 18-Ryan Micallef, 27-Alessio Cassar (8-Juan Carlos Vieira Peixoto 76), 6-Ousamne Sidibe, 29-Noah Olawale Ojuola, 5-Yannick Yankam (9-Nagaoka Go 46), 14-Clifford Gauci, 10-Terence Vella, 26-Iven Zammit (20-Djamel Romano Leeflang Boestra 46)
**Coach** – Johann Scicluna
**St Andrew's** – 12-Jake Galea, 2-Enmy Manuel Pena Beltre (17-Jacob Walker 90), 16-Eloy Edu Nkene, 5-Che Bong Won, 6-Jonatan Perez Cuestra, 4-Dale Camilleri (15-Michael Johnson 57), 13-Francis Chinatu Onwudinjo, 11-Joseph Farrugia, 8 -Victor Lucky Oseghale (20-Liam Grech 86), 14-Kyrian Nwoko, 10-Michael Salomon Wisdom
**Ass. Coach** – Brian Chetcuti
**Referee** – Clayton Pisani
**Assistenti** – Alan Camilleri, David Castillo
**Raba' Uff.** – Esther Azzopardi
**Ammoniti** – C. Onwudinjo (SA); N. Go (Q)

## III Round

**Loghba Nru 197 - 29.04.2016 - 20.00 hrs**
**Floriana** 2
M. Fontanello 63, C. Borg 69
**Tarxien Rainbows** 3
A. Nilsson 14, C. Frances 61, L. Montebello 75

**HT 0-1 Hibernians Stadium**
**Floriana** – 24-Matthew Grech, 2-Andre Scicluna (19-Jake Davies 82), 4-Antonio Monticelli, 5-Enrico Pepe, 27-Steve Bonnici, 8-Clyde Borg, 9-Mauricio Villa (11-Juninho Cabral 56), 33-Emanuel Briffa (3-Darell Baldacchino 73), 80-Nicolas Chiesa, 89-Mario Fontanella, 23-Matteo Piciollo
**Coach** – Luis Oliveira
**Tarxien R.** – 1-Andrea Cassar, 2-Ebiabowei Baker, 6-Timothy Tabone Desira, 7-Triston Caruana, 8-Brandon Muscat (23-John Mintoff 71), 9-Alex Nilsson (5-Bruno Gigio de Oliveira18) 10-Ayrton Azzopardi, 15-Luke Montebello, 16-Sergio Fernandez Prendes, 19-Matthew Tabone, 33-Claudio Frances (17-Daniel Zerafa 84)
**Coach** – Jacques Scerri
**Referee** – Malcolm Spiteri
**Assistenti** – William Debattista, Peter Abela
**Raba' Uff.** – Glenn Tonna
**Ammoniti** – T. Tabone Desira, S. Fernandez Prendes, L. Montebello (TR)

## III Round

**Loghba Nru 189 - 23.04.2016 - 16.00 hrs**
**Balzan** 1
B. Kaljevic 59
**Valletta** 2
F. M. Falcone 13, M. Mifsud 81

**HT 0-1 National Stadium**
**Balzan** – 32-Ivan Janjusevic, 4-Justin Grioli, 8-Paul Fenech, 11-Steve Bezzina, 20 -Pedro Dos Santos Calcado, 16-Clive Brincat, 17-Alfred Effiong, 42-Alan da Silva Souza (86-Bojan Kaljevic 46), 7-Lydon Micallef, 23-Elkin Orlando Serrano Valero, 10-Dylan Grima
**Coach** – Oliver Spiteri
**Valletta** – 1-Henry Bonello, 2-Jonathan Caruana, 3-Ian Azzopardi, 5-Ryan Camilleri, 9-Michael Mifsud (21-Llywelyn Cremona 84), 10-Roderick Briffa, 11-Rafael Pompeo Rodrigues Ledesma (30-Abdelkarim Nafti 64), 20-Federico Matias Falcone, 23-Claudio Pani, 24-Umeh Uchenna Calistus, 27-Jhonnattann Benites Da Conceicao (90-Romeu Pericles Romao 88)
**Coach** – Paul Zammit
**Referee** – Esther Azzopardi
**Assistenti** – Alan Camilleri, William Debattista
**Raba' Uff.** – Luke Portelli
**Ammoniti** – P. Dos Santos Calcado, C. Brincat, P. Fenech, B. Kaljevic (B)

## III Round

**Loghba Nru 192 - 24.04.2016 - 18.00 hrs**
**Birkirkara** 2
V. Plut 40, E. Agius 89
**Hibernians** 1
A. Cohen 59

**HT 1-0 National Stadium**
**Birkirkara** – 26-Miroslav Kopric, 22-Cain Attard, 5-Mauricio Matias Latini Mazzetti, 3-Christian Bubalovic, 19-Joseph Zerafa (20-Kurt Zammit 49) (18-Ryan Darmanin 83), 4-Gareth Sciberras, 8-Edmond Agius (21-Matthew Guillaumier 90), 10-Mislav Andelkovic, 11-Goran Mujanovic, 17-Frank Temile, 14-Vito Plut
**Coach** – Drazen Besek
**Hibernians** – 16-Justin Haber, 6-Jonathan Pearson (19-Diosdado Mangue Mbele 83), 7-Jackson Lima, 8-Rodolfo Soares, 9-Marcelo Dias, 11-Bjorn Kristensen, 13-Clayton Failla (14-Jurgen Degabriele 90), 20-Andrei Agius, 23-Jorge Da Silva Pereira, 31-Gilmar Da Silva Ribeiro, 32-Jorge Santos Silva (10-Andrew Cohen 45)
**Coach** – Branko Nisevic
**Referee** – Philip Farrugia
**Assistenti** – Jurgen Spiteri, Luke Portelli
**Raba' Uff.** – Martin Borg
**Ammoniti** – C. Bubalovic, F. Temile (B)

## III Round

**Loghba Nru 195 - 29.04.2016 - 18.00 hrs**
**Sliema Wanderers** 4
D. Rocha Dos Santos 34, J. P. Farrugia 62, 80, J. Bezzina 65
**Naxxar Lions** 2
E. Vallecillo 40 pen, 46

**HT 1-1 Hibernians Stadium**
**Sliema W.** – 25-Entonjo Elezaj, 2-Alexander Muscat, 3-Benjamin Essel (6-Justin Vella 83), 11-Njongo Priso (7-Aidan Jake Friggieri 66), 13-Clifford Gatt Baldacchino, 15-Marko Potezica, 17-Peter Xuereb, 19-Johann Bezzina, 20-Denni Rocha dos Santos, 23-Gary Muir (16-Michele Sansone 56), 30-Jean Paul Farrugia
**Coach** – Alfonso Greco
**Naxxar L.** – 1-Alberto Gallinetta, 3-Andrew Scicluna, 7-Edoardo Vallecillo Casado, 9-Demba Toure, 13-Jose Angel Godar Pereira (Alvaro Rosero 42), 16-Jurgen Debono, 19-David Fenech (11-Duane Bonnici 74), 20-Angus Buhagiar, 21-Annio Hamutenya, 23- Mark Fenech, 26-Nikola Tasic
**Coach** – Clive Mizzi
**Referee** – Marco Borg
**Assistenti** – Duncan Sultana, Sammy Attard
**Raba' Uff.** – Stefan Pace
**Ammoniti** – G. Muir, C. Gatt Baldacchino, N. Priso (SW); N. Tasic, A. Gallinetta (NL)

## III Round

**Loghba Nru 198 - 30.04.2016 - 16.00 hrs**
**Valletta** 1
F. Falcone 60
**Hibernians** 1
M. Dias 64

**HT 0-0 National Stadium**
**Valletta** – 1-Henry Bonello, 2-Jonathan Caruana, 3-Ian Azzopardi, 5-Ryan Camilleri, 6-Juan Gill Cruz, 10-Roderick Briffa, 20-Federico Matias Falcone, 23-Claudio Pani, 24-Umeh Uchenna Calistus (90-Romeu Pericles Romao 59), 27-Jhonnattann Benites Da Conceicao (9-Michael Mifsud 75), 30-Abdelkarim Nafti (21-Llywelyn Cremona 74)
**Coach** – Paul Zammit
**Hibernians** – 16-Justin Haber, 8-Rodolfo Soares, 20-Andrei Agius, 6-Jonathan Pearson, 9-Marcelo Dias (22-Joseph Essien Mbong 83), 13-Clayton Failla, 11-Bjorn Kristensen, 7-Jackson Lima, 10-Andrew Cohen (14-Jurgen Degabriele 72), 31-Gilmar Da Silva Ribeiro, 23-Jorge Pereira Da Silva
**Coach** – Branko Nisevic
**Referee** – Mario Apap
**Assistenti** – Mitchell Scerri, Roberto Vella
**Raba' Uff.** – Paul Apap
**Ammoniti** – A. Nafti, U. Uchenna Calistus (V); B. Kristensen, J. Pereira Da Silva (H)


BOV
Bank of Valletta



# Sliema W. jirbħu bl-għoti tal-penalties

Sliema Wanderers rebħu l-FA Trophy għall-21 darba meta fil-finali għelbu lil Balzan bl-iskor ta' 5-4 bl-għoti tal-penalties wara li dan il-konfront spiċċa fi draw ta' mingħajr goals.

Din il-finali kienet waħda sinjifikanti għall-fatt li din it-trofew, kienet qed tagħmel l-aħħar dehra tagħha fil-pubbliku fejn se tiġi restawrata fil-mużew tal-MFA. Inċidentalment, Sliema Wanderers kienu wkoll rebħu l-ewwel edizzjoni meta, fl-1935, kienu għelbu lir-rivali eterni Floriana bl-iskor ta' 4-0, b'goals minn Tony Nicholl (3) u Joseph Sammut.

Il-ftuħ tal-logħba kien wieħed pjuttost kwiet biż-żewġ timijiet jistudjaw lil xulxin.

Kien biss fit-23 minuta li ġiet innotata l-ewwel azzjoni denja ta' nota permezz ta' xutt angolat tal-Montenegrin, Bojan Kaljevic, li għadda barra mil-lasti difiżi mill-goalkeeper Albaniż ta' 19-il sena tal-Wanderers, Entonio Elezaj.

Balzan ħarġu aktar aggressivi mal-ftuħ tat-tieni taqsima u, fit-58 minuta, xutt bid-dawra ta' Alfred Effiong għadda ftit għoli biex, 11-il minuta wara, l-istess attakkant reġa' ra tentattiv tiegħu jgħaddi ftit barra.

Fil-71 minuta, xutt mhux daqstant b'saħħtu fil-baxx ta' Lydon Micallef ġie milqugħ minn Elezaj wara li ntefa' minn tulu fl-art.

Imbagħad, fit-83 minuta, Sliema Wanderers qalgħu daqqa ta' ħarta, meta tkeċċa għalihom l-attakkant mill-Kamerun, Njongo Priso, wara li rċieva żewġ karti sofor fi spazju ta' ftit sekondi, minħabba xi rimarki eċċessivi li għadda fil-konfront tar-referee veteran, Marco Borg, li din il-finali kienet l-aħħar logħba li kkontrolla f'karriera ta' 15-il sena fl-ogħla diviżjoni u li qeda din ir-responsabbiltá bl-aktar mod sublimi.

Mad-90 minuta, xutt angolat taż-żagħżugħ, Jean Paul Farrugia għall-Wanderers, għadda jħakkek ma' sieq il-wieqfa.

L-iskor sa tmiem id-90 minuta u anke wara l-ħin barrani baqa' ma nbidilx hekk kif iż-żewġ settijiet ta' players rari resqu lejn il-lasti avversarji fejn kienet tidher evidenti l-għejja fiżika u







ritratt lemin: **Il-players ta' Sliema Wanderers jiċċelebraw ir-rebħ tal-FA Trophy wara l-preżentazzjoni**

ritratt xelluq fuq: **Il-players u diriġenti ta' Sliema Wanderers jippożaw u jiċċelebraw ir-rebħ tal-FA Trophy**

ritratt xelluq: **It-team ta' Sliema Wanderers flimkien ma' għadd ta' mascots qabel il-finali tal-FA Trophy kontra Balzan**

ritratt taħt: **Paul Fenech (Balzan) segwit minn Johann Bezzina (Sliema W.)**

psikoloġika.

Għaldaqstant din il-finali kellha tiġi deċiża bl-għoti tal-penalties hekk kif għall-Wanderers skorjaw Mark Scerri, Jean Paul Farrugia, Armando Dos Santos Tarlaziz, Alex Muscat u Clifford Gatt Baldacchhino.

Mln-naħa l-oħra, għal Balzan irnexxielhom isibu x-xibka, Paul Fenech, Elkin Orlando Serrano Valero, Pedro Dos Santos Calcado, Alfred Effiong iżda falla l-captain Dylan Grima.

Wara din il-finali saret il-preżentazzjoni mill-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, lill-captain ta' Sliema Wanderers, Alex Muscat, fost il-ferħ tal-players, diriġenti u tal-partitarji.

### I Round

**14.05.2015 - 17.00 hrs**

**Balzan** 0

**Sliema Wanderers** 0

**Sliema W. 5-4 bil-penalties**

**National Stadium**

**Balzan** – 32-Ivan Janjusevic, 4-Justin Grioli, 8-Paul Fenech, 11-Steve Bezzina, 7-Lydon Micallef (15-Luke Sciberras 112), 16-Clive Brincat (50-Maxim Focsa 95), 17-Alfred Effiong, 20-Pedro Dos Santos Calcado, 86-Bojan Kal-jevic (42-Alan Da Silva Souza 57), 23-Elkin Orlando Serrano Valero, 10-Dylan Grima

**Coach** – Oliver Spiteri

**Sliema W.** – 25-Entonio Elezaj, 2-Alex Muscat, 8-Mark Scerri, 11-Njongo Priso, 13-Clifford Gatt Baldacchino, 15-Marko Potezica, 17-Peter Xuereb, 19-Johann Bezzina (7-Aidan Jake Friggieri 116), 20-Denni Rocha Dos Santos (5-Armando Dos Santos Tarlaziz 74), 30-Jean Paul Farrugia, 33-Stefano Bianciardi

**Coach** – Alfonso Greco

**Referee** – Marco Borg

**Assistenti** – Duncan Sultana, Luke Portelli

**Raba' Uff.** – Sandro Spiteri

**Ammoniti** – M. Scerri, N. Priso, A. Dos Santos Tarlaziz (SW), E. O. Serrano Valero (B)

**Tkeċċa** – N. Priso 83 (SW)






# Jean Paul Farrugia u Stefania Farrugia

## huma l-BOV Players tax-Xahar ta' April

### Jean Paul Farrugia

Il-ħames goals skorjati fl-istess numru ta' partiti fil-BOV Premier League matul ix-xahar ta' April, kienu biżżejjed biex l-attakkant ta' Sliema Wanderers, Jean Paul Farrugia, jirbaħ l-unur tal-BOV Player tax-Xahar għal April 2016.

Farrugia huwa player tassew aġili fil-ground u rebaħ ukoll l-unur ta' 'Player tal-Logħba' ivvotat mill-ġurnalisti, fir-rebħa ta' Sliema kontra Mosta bl-iskor ta' 1-0 meta skorja l-goal tar-rebħa.

Huwa rċieva l-ballun mingħand Gary Muir fil-kaxxa u b'xutt mill-ewwel ma ta l-ebda ċans lill-goalkeeper ta' Mosta, Omar Borg, isalva

Farrugia skorja wkoll żewġ goals fir-rebħa tal-Wanderers fuq Naxxar Lions bl-iskor ta' 4-2.

Il-Manager tal-Fergħa tal-Bank of Valletta ta' Preluna Towers, f'Tas-Sliema, Noel Scerri, ippreżenta lil Farrugia bit-trofew tal-BOV Player tax-Xahar li għażel lil Hospice Malta biex jibbenefikaw mid-donazzjoni assoċjata ma' dan l-unur.




Il-Manager tal-Fergħa tal-BOV ta' Preluna Towers, f'Tas-Sliema, Noel Scerri, jippreżenta t-trofew lil Jean Paul Farrugia



Il-Manager tal-Fergħa ta' Birkirkara tal-BOV, Bernard Azzopardi, jippreżenta t-trofew lil Stephania Farrugia

### Stephania Farrugia

Ftit biss wara li ġiet inkurunata l-Player tas-Sena tan-Nisa mill-Malta Football Players Association (MFPA), il-captain ta' Birkirkara FC, Stephania Farrugia, rebħet ukoll l-unur tal-BOV Player tax-Xahar għal April u Mejju 2016.

Wara li rebħet ukoll dan l-unur għax-xhur ta' Jannar u Frar 2016, hija saret l-ewwel player li rebħet l-unur għal erba' xhur fi staġun wieħed sa mill-bidu ta' dan l-unur fl-2012.

Id-difensura ta' 24 sena wasslet lil Birkirkara fit-tieni post tal-Kampjonat BOV l-Ewwel Diviżjoni tan-Nisa u wriet il-versatilità tagħha meta skorjat ħames goals matul l-istaġun filwaqt li kienet qed tilgħab fid-difiża.

Il-Manager tal-Fergħa ta' Birkirkara tal-Bank of Valletta, Bernard Azzopardi, ippreżenta lil Stephania t-trofew tal-BOV Player tax-Xahar tan-Nisa għal April u Mejju 2016.



BOV FIRST DIVISION 2015-2016

# Gzira United jirbħu l-Kampjonat

**22.04.2016**

**Centenary Stadium**

**Rabat A. v Fgura U. .......................... 1-1**
Steeven Sandoval Escobar (FU); Joseph Caruana (RA)

**23.04.2016**

**Centenary Stadium**

**Gzira U. v St George's .................... 4-0**
Jamie Pace, Ian Zammit, Raphael Kooh Sohna, Gabriel Aquilina (GU)

**Victor Tedesco Stadium**

**Hamrun S. v Zebbug R. ................. 1-0**
Jake Grech (HS)

**24.04.2016**

**Victor Tedesco Stadium**

**Gudja U. v Mqabba .......................... 3-7**
Didier Sohna 2, Jadean Waseem (GU); Paul Chimezie 3, Arilson Meile Da Silva 2, David Azzopardi, Claudio Calleja (M)

**Senglea A. v Lija A. ......................... 2-2**
Ryan Dalli, Juan Manuel Artiaga (SA); Michael Borg, Patrick Borg (LA)

**25.04.2016**

**Centenary Stadium**

**San Gwann v Pietá H. ..................... 2-1**
Christian Grech (PH); Nikolai Muscat, John Roland Emeka o.g. (SG)

**Victor Tedesco Stadium**

**Vittoriosa S. v Melita ...................... 1-1**
Alan Borg Olivier o.g. (VS); Alan Borg Olivier (M)



## Kif spiċċaw

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gzira U. | 26 | 19 | 7 | 0 | 58 | 13 | 64 |
| Hamrun S. | 26 | 18 | 7 | 1 | 57 | 17 | 61 |
| Senglea A. | 26 | 16 | 4 | 6 | 47 | 21 | 52 |
| Pietá H. | 26 | 13 | 5 | 8 | 32 | 27 | 44 |
| Lija A. | 26 | 12 | 5 | 9 | 40 | 27 | 41 |
| Vittoriosa S. | 26 | 10 | 7 | 9 | 39 | 31 | 37 |
| Mqabba | 26 | 10 | 5 | 11 | 44 | 33 | 35 |
| Zebbug R. | 26 | 9 | 5 | 12 | 30 | 32 | 32 |
| Rabat A. | 26 | 9 | 3 | 14 | 27 | 37 | 30 |
| Fgura U. | 26 | 8 | 6 | 12 | 24 | 35 | 30 |
| Melita | 26 | 8 | 4 | 14 | 23 | 48 | 28 |
| San Gwann | 26 | 7 | 6 | 13 | 30 | 50 | 27 |
| St George's | 26 | 4 | 7 | 15 | 20 | 46 | 19 |
| Gudja U. | 26 | 2 | 3 | 21 | 22 | 76 | 9 |

**Fgura U. ingħataw rebħa ta' 3-0 fuq Ħamrun S. wara protest*



# Marsa jirbħu l-Kampjonat f'konfront dirett



## Kif spiċċaw

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marsa | 26 | 18 | 3 | 5 | 47 | 14 | 57 |
| Sirens | 26 | 16 | 6 | 4 | 48 | 21 | 54 |
| Għargħur | 26 | 16 | 5 | 5 | 54 | 27 | 53 |
| Zabbar SP | 26 | 14 | 9 | 3 | 50 | 23 | 51 |
| Mgarr U. | 26 | 13 | 4 | 9 | 47 | 37 | 43 |
| Birżebbuġa SP | 26 | 11 | 6 | 9 | 46 | 32 | 39 |
| Siggiewi | 26 | 10 | 9 | 7 | 33 | 25 | 39 |
| Qrendi | 26 | 9 | 8 | 9 | 46 | 34 | 35 |
| Zejtun C. | 26 | 10 | 5 | 11 | 36 | 33 | 35 |
| Mellieħa | 26 | 8 | 8 | 10 | 38 | 50 | 32 |
| Swieqi U. | 26 | 7 | 5 | 14 | 26 | 37 | 26 |
| Kirkop U. | 26 | 5 | 5 | 16 | 25 | 43 | 20 |
| Zurrieq | 26 | 3 | 7 | 16 | 12 | 54 | 13 |
| Msida SJ | 26 | 1 | 2 | 23 | 13 | 91 | 5 |

** Zurrieq tnaqqsulhom 3 punti*

**22.04.2016**

**Luxol Stadium**

**Zurrieq v Birżebbuġa SP..........0-5**
Rene Duca, Ryo Kodama, Paul Camilleri, Damon Grima, Keith Muscat

**23.04.2016**

**Charles Abela Stadium**

**Mgarr U. v Sirens..........2-1**
Kenneth Aquilina, Doric Lazar (MU); Ryan Sciberras (S)

**Charles Abela Stadium**

**Swieqi U. v Msida SJ..........3-1**
Abner Dos Santos 2, Matteo Caribotti (SU); Marko Dimitrijev (MSJ)

**Luxol Stadium**

**Għargħur v Marsa..........1-2**
Muda Fagbeja (Għ); Benjamin Ajuba 2 (M)

**Luxol Stadium**

**Siggiewi v Qrendi..........0-1**
Luca Cahsa (Q)

**Sirens Stadium**

**Zejtun C. v Zabbar SP..........1-4**
Julio Cesar Martin Sousa, Dylan Micalelf, Julian Spiteri, Dillon Pace (ZSP); Kumpei Tanaka (ZC)

**Sirens Stadium**

**Kirkop U. v Mellieħa..........3-3**
Alex Ribic, Josef Felice, Karl Caruana (KU); Wayne Borg St John, Kalil Da Rosa, Ryan Zammit (M)



# Marsaxlokk jiċċelebraw ir-rebħ tat-titlu bil-kbir

**24.04.2016**

**Charles Abela Stadium**
**Marsaxlokk v Ta' Xbiex............5-0**
Dylan Attard, Alain Pierre Courtadon, Ryan D'Amato, John Paul Barbara, Sergio Hili

**Charles Abela Stadium**
**Għaxaq v Mdina K. ....................3-1**
Florin Anton 2, Noel Tabone (Għ); Jason Good (MK)

**Luxol Stadium**
**St Venera L. v Attard................0-0**

**Centenary Stadium**
**Dingli S. v Xgħajra T. ................1-0**
Matthew Pace (DS)

**Sirens Stadium**
**Mtarfa v St Lucia........................1-4**
Luke Agius o.g. (M); Mohammed Telessi 2, Marlon Farrugia 2 (SL)

**Sirens Stadium**
**Luqa SA v Marsaskala..............2-1**
Ramon Bugeja, Lydon Sciberras (LSA); Christian Grech (M)

BOV THIRD DIVISION 2015-2016



## Kif spiċċaw

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marsaxlokk | 24 | 16 | 4 | 4 | 57 | 20 | 52 |
| Attard | 24 | 14 | 6 | 4 | 42 | 20 | 48 |
| Għaxaq | 24 | 14 | 6 | 4 | 34 | 16 | 48 |
| St Lucia | 24 | 13 | 8 | 3 | 45 | 24 | 47 |
| Mdina K. | 24 | 13 | 5 | 6 | 52 | 30 | 44 |
| Dingli S. | 24 | 12 | 8 | 4 | 35 | 18 | 44 |
| Marsaskala | 24 | 9 | 6 | 9 | 28 | 29 | 33 |
| St Venera L. | 24 | 4 | 12 | 8 | 23 | 39 | 24 |
| Luqa SA | 24 | 6 | 6 | 12 | 19 | 35 | 24 |
| Xgħajra T. | 24 | 6 | 5 | 13 | 23 | 41 | 23 |
| Kalkara | 24 | 5 | 3 | 16 | 21 | 44 | 18 |
| Mtarfa | 24 | 3 | 4 | 17 | 23 | 48 | 13 |
| Ta' Xbiex | 24 | 3 | 3 | 18 | 24 | 53 | 12 |

# HIBERNIANS CHAMPIONS TAN-NISA 2015/16

Ritratt: MARIA FARRUGIA






Wara - Paul Farrugia (Team Manager), Zvezdan Vukovic, Josuel Spiteri, Noel Bilocca, Roderick Camilleri, Marinko Salarevic, George Frendo, David Calleja (captain), Raymond Scicluna (Kit Manager)

Quddiem - Glenn Barry, Glenn Micallef, Clifton Ciantar, Daniel Piccinino, Lino Bartolo (Chairman), Warren Zerafa, Manuel Ljezie, Donald Scerri, Branislav Gligoric

Ritratt: Gabriel Bartolo

# LEICESTER CITY CHAMPIONS 2015/16



# JUVENTUS CHAMPIONS 2015/16



# SEVILLA GĦAT-TIELET SENA NFILA



# BAYERN MUNICH CHAMPIONS 2015/16







# Investiment ta' aktar minn €100,000 fil-warm-up track fil-Marsa

ritratt: **Is-Segretarju Parlamentari għall-Isport, Chris Agius, jikxef il-lapida tal-okkażjoni**

Wara bosta snin fi stat tal-biki, aktar kmieni dan ix-xahar, sar il-ftuħ uffiċjali tal-warm-up track tal-Matthew Micallef St John Track, fil-Marsa. Xogħol, li jammonta għal fuq minn €100,000, li sar bħala parti mill-assistenza li SportMalta tagħti lill-assoċjazzjonijiet sportivi Maltin. Il-warm-up track hija strippa twila 140 metru u kif jixhed anke l-isem, tintuża sabiex l-atleti jsaħħnu l-muskoli tagħhom qabel il-kompetizzjoni nnifisha. It-tisbiħ fil-warm-up track kien ilu mwiegħed ħames snin.

SportMalta mhux biss biddlet l-art kollha tat-track imma wkoll sar xogħol madwar l-istrippa. Fil-fatt, fost l-oħrajn, tneħħa l-ħaxix salvaġġ li kien imdawwar mal-istrippa u sar landscaping ġdid, flimkien ma' sistema ġdida ta' gutters sabiex jiskula l-ilma tax-xita. Minbarra dan, ġiet irranġata wkoll ix-xibka li ddawwar it-track u sar rikondizzjonament tal-long jump sand pit, biex din tista' issa terġa' tibda tintuża mill-ġdid.

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport Chris Agius tkellem dwar bil-mod ħolistiku li l-Gvern jixtieq li tinbidel il-Marsa. Dan huwa biss ftit mix-xogħol maħsub li jsir fil-faċilitajiet tal-isport fil-Marsa.

Fil-fatt bħalissa, il-Gvern għaddej bil-preparamenti sabiex jitlestew il-pjanti biex titranġa l-binja vojta li tħalliet mitluqa u li qatt ma ntużat ftit qabel ma tidħol għall-istess track.

Mal-pjani hemm inkluż ukoll il-binja li nbniet, fl-1903, u li bħalissa tintuża minn xi assoċjazzjonijiet, kif ukoll mill-amministrazzjoni ta' SportMalta.

Iċ-Chairman ta' SportMalta, Luciano Busuttil qal li jinsab kuntent li wara l-għaqal li mexxa bih dan il-Gvern biex ġab fuq saqajh il-qagħda finanzjarja, issa qed jissarraf f'dawn il-proġetti fejn kulħadd jista' jara l-frott tal-ħidma kontinwa ta' SportMalta.

Huwa qal li proġett bħal dan mhux biss se jitgawda mill-MAAA, iżda se jservi ta' pjattaforma għall-atleti barranin li jkunu jixtiequ jżuru pajjiżna fejn it-temp tagħna jagħti opportunità unika li ħafna pajjiżi oħrajn m'għandhomx.

Mark Cutajar, Kap Eżekuttiv ta' SportMalta, qal li seħħet wegħda oħra ta' SportMalta hekk kif it-track hija waħda mill-kullana ta' proġetti varati ftit tax-xhur ilu. Huwa qal li din hija xiehda tax-xogħol kontinwu li SportMalta qed tagħmel ma' diversi assoċjazzjonijiet biex fejn ma jaslux huma, isibu l-appoġġ ta' SportMalta bħall-assoċjazzjoni tal-Judo li se jkollhom tinda ġdida u r-range tal-isparar ta' Għajn Mhelel, f'Għawdex, li jumejn ilu inawguraw tinda ġdida li saret permezz ta' fondi minn SportMalta.

Huwa saħaq li l-kollaborazzjoni mal-MAAA kienet waħda tajba ħafna sa minn meta bdew id-diskussjonijiet dwar il-bdil tat-track u kompla jgħid li din se tkun opportunità biex inkomplu naqdu l-isportivi tagħna kif ukoll inressqu it-turiżmu sportiv lejn pajjiżna.

Huwa lemm jgħid li dan l-Investiment sar kollu f'ħin rekord u bl-aħjar governanza possibbli.

Indirizza lil dawk preżenti, Edwin Attard, il-president tal-MAAA li rringrazzja lil SportMalta tal-appoġġ li sabu hekk kif mill-ewwel aċċettaw dan il-proġett li kien ilu ma jsir xogħol fuqu sa minn meta twaqqaf, jiġifieri mill 1993.

Huwa ħabbar li l-MAAA ser tirċievi fondi mill-għaqda internazzjonali tal-atletika (IAAF) biex tkompli ttejjeb is-servizzi tagħha kif ukoll għaddejjin negozjati mal-privat biex isir investiment fit-track.

Huwa qal li dan l-ispirtu ta' koperazzjoni jista' jkompli jissarraf fi proġetti oħra fil-Marsa biex b'hekk ikompli jikber l-isport tal-atletika.


SPORTMALTA
Summer On The Move 2016
Sport & Physical Activity Programme for Children and Adults
APPLY ONLINE NOW
www.sportmalta.org.mt
Tel: 2203 6228





# Ħarsa lejn is-sezzjonijiet tal-Kampjonat APS Bank U17 għall-istaġun 2015/16

minn **Joe Micallef (Segretarju Ġenerali YFA)**

Wara li fl-aħħar edizzjoni tajna ħarsa lejn il-Kampjonat U15, f'din il-ħarġa ser naraw x'ġara fil-Kampjonati APS Bank U17, li kienu ferm interessanti. Jekk dwar il-Kampjonat U15 għedna li kien wieħed missielet f'kull sezzjoni, bla dubju, l-U17 ma kienx anqas fejn kellna f'każijiet nistennew sal-aħħar ġurnata biex ġie deċiż ir-rebbieħ tas-sezzjoni jew it-team relegat.

**Under 17 - Section D**

| | P | W | D | L | F | A | +/- | PTS |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Birzebbugia | 9 | 8 | 1 | 0 | 24 | 10 | 14 | 25 |
| G_axaq | 9 | 8 | 0 | 1 | 23 | 5 | 18 | 24 |
| Mgarr | 9 | 7 | 0 | 2 | 31 | 11 | 20 | 21 |
| Mtarfa | 9 | 6 | 1 | 2 | 22 | 12 | 10 | 19 |
| Sirens | 9 | 5 | 0 | 4 | 16 | 12 | 4 | 15 |
| Siggiewi | 9 | 3 | 1 | 5 | 8 | 18 | -10 | 10 |
| Xgħajra | 9 | 2 | 1 | 6 | 20 | 22 | -2 | 7 |
| Gzira | 9 | 1 | 2 | 6 | 10 | 23 | -13 | 5 |
| Kalkara | 9 | 1 | 1 | 7 | 3 | 24 | -21 | 4 |
| St. Venera | 9 | 0 | 1 | 8 | 3 | 23 | -20 | 1 |

BIRZEBBUGIA - Under 17 Section 'D' - WINNERS

F'din is-sezzjoni kellna erba' timijiet sa mill-bidu tal-kampjonat, li kienu juru li ser jisfidaw għar-rebħ ta' din is-sezzjoni. Id-differenza fil-punti bejn l-ewwel u r-raba' post kienet biss ta' sitt punti, biex kull logħba bejn it-timijiet ta' fuq kienet waħda nteressanti. Ma nkunx qed niżbalja jekk ngħid li l-ftit differenza li kien hemm bejn Birzebbugia u Għaxaq kienet ta' punt wieħed biex Birzebbugia rebħu din is-sezzjoni fuq Għaxaq li spiċċaw b'punt anqas (b'24 punt), filwaqt li Birzebbugia rebħu din is-sezzjoni b'25punt. L-unika differenza kienet li Birzebbugia kellhom draw filwaqt li Għaxaq tilfu logħba waħda. Mgarr fallew il-promozzjoni bi ftit, għax ġarrbu żewġ telfiet diretti li kkastigawhom li jżommu posthom fl-ewwel żewġ postijiet. Is-sorpriża f'din is-sezzjoni kien it-team ta' Mtarfa li kien sfida denja għal kull avversarju. St Venera kienu batuti matul dan l-istaġun, u rnexxielhom jiġbru punt wieħed minn draw li baqa' jżommhom sat-tmien l-istaġun l-aħħar post fil-klassifika finali. Siggiewi u Sirens żammew posthom f'nofs il-klassifika, filwaqt li t-timijiet ta' Kalkara, Gzira u Xgħajra, sofrew diversi telfiet biex mill-bidu tal-istaġun kienu jidhru li mhux ser jilħqu l-grad meħtieġ. Fejn Birzebbugia kellhom l-aħjar attakk, Għaxaq, li spiċċaw fit-tieni post, sofrew biss 5 goals, biex ikunu l-inqas team li ġarrab goals f'din is-Sezzjoni.

**Under 17 - Section C2**

| | P | W | D | L | F | A | +/- | PTS |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Fgura | 12 | 8 | 2 | 2 | 25 | 9 | 16 | 26 |
| Zejtun | 12 | 8 | 1 | 3 | 26 | 8 | 18 | 25 |
| Mellieħa | 12 | 7 | 3 | 2 | 32 | 8 | 24 | 24 |
| Msida | 12 | 6 | 0 | 6 | 22 | 21 | 1 | 18 |
| Attard | 12 | 5 | 1 | 6 | 16 | 12 | 4 | 16 |
| Naxxar | 12 | 4 | 1 | 7 | 13 | 23 | -10 | 13 |
| Marsa | 12 | 0 | 0 | 12 | 4 | 57 | -53 | 0 |

* Sta. Lucia Withdrew from Competition

FGRUA - Under 17 Section 'C2' - WINNERS

Jekk sezzjoni D kienet waħda missielta, mhux anqas din is-sezzjoni fejn wieħed kellu jistenna sal-aħħar biex ħareġ ir-rebbieħ ta' din is-sezzjoni. Xi ħaġa li xtaqt nikkummenta f'din is-sezzjoni, tkun dwar it-team ta' Marsa li għalkemm ma rnexxielux jiġbor l-ebda punt, baqa' jonora l-fixtures u jinżel għal-logħob. Hawnhekk irrid ngħid li dan l-eżempju għandu jinżamm mit-timijiet l-oħra kollha li xi darba jew oħra jgħaddu minn żminijiet diffiċli, li sfortunatament ikunu dawk il-ħafna players li jieqfu. Interessanti li kellna tliet timijiet fil-quċċata tal-klassifika li kienu jinbidlu minn ġimgħa

għal oħra, jiddependi fuq ir-riżultati li kienu jiksbu. Dan għaliex bi draw, team kien jitlef postu u jispiċċa fit-tielet post. Peró, dak huwa s-sabiħ tal-football. Fgura rebbieħa ta' din is-sezzjoni kellhom team kompatt mibni fuq l-aħħar staġuni, filwaqt li Żejtun kienu sorpriża għaliex fil-bidu wieħed ma kienx iħares li dan it-team seta' jkompli javvanza. Mellieħa, li spiċċaw fit-tielet post b'differenza ta' punt minn dak klassifikat fit-tieni post u żewġ punti mir-rebbieħ tas-sezzjoni, it-tliet draws miksuba ssarrfu f'telf ta' 6 punti għalihom. Naxxar kien aktar mistenni minnhom, b'Attard u Msida jkunu timijiet moderati ta' nofs il-klassifika. Mellieħa, għalkemm spiċċaw fit-tielet post, irnexxielhom jiskorjaw 32 goal l-aktar fil-klassifika filwaqt li jkunu wkoll dak it-team li l-anqas ġarrab goals - 8 f'din is-sezzjoni.

**Under 17 - Section C1**

| | P | W | D | L | F | A | +/- | PTS |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Melita | 12 | 8 | 4 | 0 | 28 | 9 | 19 | 28 |
| Qormi | 12 | 7 | 2 | 3 | 24 | 14 | 10 | 23 |
| Rabat | 12 | 6 | 1 | 5 | 23 | 17 | 6 | 19 |
| Lija/Iklin | 12 | 4 | 5 | 3 | 18 | 21 | -3 | 17 |
| Tarxien | 12 | 2 | 6 | 4 | 16 | 20 | -4 | 12 |
| Mqabba | 12 | 3 | 2 | 7 | 11 | 29 | -18 | 11 |
| Luqa | 12 | 1 | 2 | 9 | 12 | 22 | -10 | 5 |

* Cottonera Withdrew from Competition
MELITA - Under 17 Section 'C1' – WINNERS

Ma kienx hemm dubju li Melita kienu l-aħjar team f'din is-sezzjoni. It-team kellu l-aħjar affarijiet biex jiffunzjona kif meħtieg fid-dipartimenti kollha, b'difiża b'saħħitha u attakk formidabbli li jsib ix-xibka b'mod frekwenti. Mhux qed inaqqas mill-mertu tat-timijiet l-oħra, iżda dik il-ftit differenza kienet tidher. Qormi, li spiċċaw fit-tieni post, ukoll kellhom iċ-ċansijiet tagħhom, iżda m'għarfux jisfruttawhom biex setgħu jżommu pass aktar fil-qrib ma' Melita. F'din is-sezzjoni, wara ftit żmien mill-bidu tal-kampjonat, kellna l-ħruġ ta' Cottonera u dan ġab lil din is-Sezzjoni b'seba' timijiet, b'dan in-nuqqas fisser li t-timijiet f'din is-sezzjoni kellhom joqogħdu aktar attenti fit-telf ta' punti. Rabat u Lija/Iklin kienu dawk it-timijiet ta' nofs il-klassifika f'din is-sezzjoni, u kienu ta' forza għat-timijiet tan-naħa ta' fuq tal-klassifika u xejn anqas mat-timijiet l-oħra. Filwaqt li Tarxien għamlu dak kollu possibbli biex jippruvaw jiġbru kull punt, Mqabba kien mistenni aktar minnhom. Dwar Luqa, għalkemm spiċċaw fl-aħħar post tal-klassifika, wieħed irid iħares ukoll li għandhom players li kienu kapaċi jsibu x-xibka, iżda dan ma kienx biżżejjed biex jeħilsu mir-relegation.

**Under 17 - Section B**

| | P | W | D | L | F | A | +/- | PTS |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| St. Andrews | 14 | 11 | 3 | 0 | 50 | 14 | 36 | 36 |
| Sliema | 14 | 10 | 3 | 1 | 45 | 15 | 30 | 33 |
| Pembroke | 14 | 7 | 4 | 3 | 30 | 17 | 13 | 25 |
| Zebbug | 14 | 6 | 4 | 4 | 18 | 21 | -3 | 22 |
| Valletta | 14 | 5 | 2 | 7 | 16 | 19 | -3 | 17 |
| Kirkop | 14 | 3 | 4 | 7 | 24 | 41 | -17 | 13 |
| Zabbar | 14 | 3 | 1 | 10 | 18 | 36 | -18 | 10 |
| Swieqi | 14 | 0 | 1 | 13 | 4 | 42 | -38 | 1 |

ST. ANDREWS - Under 17 Section 'B' - WINNERS

L-esperjenza ta' Swieqi ma kinetx waħda pożittiva iżda, bla dubju, dan mhux ser jaqta' qalb id-diriġenti u l-istaff tekniku milli jkomplu jaħdmu bil-pjan li għandhom. Hawn ukoll nixtieq nuri rispett lejn dan it-team li wera mpenn minkejja l-limitazzjonijiet tagħhom. Zabbar ukoll ġew relegati minn din is-sezzjoni, u kienu l-aħħar żewġ logħbiet li kkundannaw lil Zabbar għaliex kienu dejjem qed jissieltu ma' Kirkop min minnhom kien ser ikun dak it-team li jiġi relegat flimkien ma' Swieqi. Pembroke u Zebbug ma kienux daqstant konsistenti fil-logħob tagħhom u għaldaqstant kienu jidhru li ser ikunu żewġ timijiet li jżommu posthom f'nofs il-klassifika. Valletta kien team nieqes minn dik il-grinta li s-soltu nafu li jkunu iżda rnexxielhom jeħilsu mir-relegazzjoni. Sliema u St Andrew's kienu iż-żewġ sfidanti diretti għar-rebħ ta' din is-Sezzjoni. St Andrew's forsi kienu xi ftit aħjar fl-attakk fejn dan ħareġ min-numru ta' goals li skorjaw, dak ta' 50, li kien l-akbar numru ta' goals skorjati f'sezzjoni għal dan l-istaġun. St Andrew's ma tilfu ebda logħba biex għal kontra dak li għamlu Sliema, fejn tilfu logħba waħda, dan sarraf biex St Andrew's rebħu din is-sezzjoni fuq Sliema b'differenza ta' tliet punti. Iż-żewġ timijiet urew logħob sabiħ u maħsub li kompla għen il-livell tajjeb ta' din is-Sezzjoni.

**Under 17 - Section A**

| | P | W | D | L | F | A | +/- | PTS |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Hamrun | 14 | 11 | 2 | 1 | 34 | 5 | 29 | 35 |
| Mosta | 14 | 10 | 2 | 2 | 39 | 13 | 26 | 32 |
| Birkirkara | 14 | 6 | 1 | 7 | 18 | 22 | -4 | 19 |
| Pietá | 14 | 6 | 1 | 7 | 15 | 20 | -5 | 19 |
| Floriana | 14 | 6 | 0 | 8 | 14 | 25 | -11 | 18 |
| Balzan | 14 | 5 | 1 | 8 | 20 | 23 | -3 | 16 |
| Paola Hibs | 14 | 4 | 3 | 7 | 17 | 26 | -9 | 15 |
| San Gwann | 14 | 2 | 2 | 10 | 11 | 34 | -23 | 8 |

HAMRUN - Under 17 Section 'A' – WINNERS

Ma nistax ma ngħidx li din is-sezzjoni kienet waħda mill-isbaħ li rajna f'dawn l-aħħar staġuni u dan jista' jirrifletti fuq il-frott tas-sistema ġdida tal-kampjonati tagħna fejn it-timijiet qed ikunu aktar bilanċjati. Filwaqt li kull logħba kellha l-istorja tagħha, dan ħoloq kampjonat ferm interessanti mill-bidu sal-aħħar u mhux ta' b'xejn li kellna nistennew sal-aħħar ġurnata fejn ħareġ ir-rebbieħ tas-Sezzjoni u t-team l-ieħor li kellu jakkumpanja lil San Gwann fir-relegazzjoni ta' din is-Sezzjoni għal dan l-istaġun. L-Assoċjazzjoni, minħabba li kull riżultat kien jgħodd, kellha tagħmel aġġustamenti meħtieġa biex il-logħob tal-aħħar ġurnata jibda kollu fl-istess ħin. Paola Hibs ġew relegati fl-aħhar ġurnata wara li ma rnexxielhomx inaqqsu l-punt differenza li kellhom bżonn biex jisfurzaw decider. Nofs il-klassifika kienet waħda kompatta b'differenzi minimi ta' punti, bejn it-team fit-tielet post u dak fis-sitt post tal-klassifika, Birkirkara, Pietá, Floriana u Balzan, iżommu posthom f'nofs il-klassifika. Bejn Hamrun u Mosta, id-differenza kienet waħda minima ferm, tant, li Hamrun rebħu din is-Sezzjoni fuq Mosta b'differenza ta' tliet punti. Matul l-istaġun, Mosta kienu jidhru l-aktar favoriti għar-rebħ ta' din is-Sezzjoni, iżda fl-aħħar ġurnata r-riżultati dawru kollox favur Hamrun biex ħarġu bħala rebbieħa ta' din is-Sezzjoni fejn meritatament ma serqu xejn għaliex matul il-kampjonat dejjem kienu juru logħob sabiħ u nteressanti. Peress li ma seta' jkun deċiż xejn qabel l-aħħar tisfira finali fil-logħob kollu ta' din is-Sezzjoni fl-aħħar ġurnata, il-preżentazzjoni ma setgħetx issir u għaldaqstant il-preżentazzjoni tal-APS Bank U17 Winner Sezzjoni A, kellha tinżamm il-ġimgħa ta' wara fejn Hamrun gew ippreżentati bit-tazza mill-APS Bank waqt iċ-ċelebrazzjonijiet li nżammu ġewwa Strada Rjali, il-Ħamrun, fejn dawn kienu qed jiċċelebraw il-promozzjoni tat-team tal-kbar għall-Premier League, filwaqt lin-nursery kienet qed tiċċelebra ir-rebh ta' dan il-Kampjonat U17 għal dan l-istagun.

# Alex Borg
## jirritorna fil-Main Tour għas-sentejn li ġejjin

It-tliet players Maltin tas-snooker Alex Borg, Tony Drago u Brian Cini, ħadu sehem fil-'Q School 2016' li ntlagħab bejn il-11 u t-22 ta' Mejju, fil-Meadowside Leisure Centre, f'Burton, l-Ingilterra. Dan kien jikkonsisti f'żewġ knock-out tournaments bejn players mhux professjonali fejn l-aħħar erbgħa, f'kull kompetizzjoni, jakkwistaw 'tour card' fil-main tour għas-sentejn li ġejjin.

Fl-ewwel avveniment, Alex Borg u Tony Drago sfaw eliminati fit-tieni round meta tilfu kontra Greg Casey 4-0 u Gerard Greene 4-3 rispettivament filwaqt li Brian Cini għadda għat-tielet round wara li rebaħ lil James Lake 4-0. Cini kompla għaddej meta fit-tielet round għeleb l-isfida ta' Peter Lines bil-punteġġ ta' 4-2. Fir-raba' round Cini safa eliminat minn Marc J. Davis 4- 3.

Fit-tieni avveniment, Tony Drago rebaħ fl-ewwel round lil Ben Harrison 4-0 filwaqt li Cini u Borg ingħataw walk-over u bye rispettivament. Fir-round preċedenti, Brian Cini tilef kontra Ross Higgins 4-3 waqt li Borg u Drago għelbu lil Lee Shanker 4-3 u lil Mitchell Travis 4-1 rispettivament. It-tnejn komplew bir-riżultati pożittivi meta għaddew għar-raba' round bi Drago jelimina lil Jake Nicholson 4-3 u Borg lil Samuel Thistlewhite 4-2. Fir-raba' round, Borg elimina lil Joshua Thomond 4-3 u Drago lil Chen Zifan 4-2.

Kien fil-ħames round li ż-żewġ players ma kellhomx l-istess xorti. Tony Drago safa eliminat minn David John 4-1 filwaqt li Alex Borg kompla jersaq lejn il-kwalifikazzjoni meta għeleb lil Barry Pinches bl-iskor ta' 4-3. Fil-kwarti-finali, Borg għeleb l-isfida ta' Alexander Ursenbache 4-2 biex b'hekk is-sena d-dieħla jkun jista' jieħu sehem flimkien mal-players professjonali l-oħra fil-main tour li torganizza l-World Snooker f'isem il-World Professional Billiards and Snooker Association (WPBSA).


Alex Borg

Is-seba' players l-oħra li flimkien ma' Alex Borg akkwistaw it-'tour card' għas-sentejn li ġejjin huma:

Michael Georgiou, John J. Astley, David John, Fang Xiongman, Christopher Keogan, Cao Yupeng u Chen Zhe.

Minn din il-paġna, f'isem Il-Malta Billiards and Snooker Association naw-guraw lil Alex għas-sentejn li ġejjin sabiex jikseb riżultati pożittivi u jżomm postu fil-main tour.

# Duncan Bezzina
## jirbaħ ir-raba' snooker ranking tournament tal-istaġun organizzat mill-Malta Billiards & Snooker Association



Duncan Bezzina, li jilgħab mal-Każin tal-Banda La Vincitrice tal-Isla, rebaħ ir-raba' u l-aħħar ranking tournament tas-snooker ta' dan l-istaġun meta fil-finali, li ntlgħabet nhar il-Ġimgħa, 22 ta' April, fil-Każin Għaqda Melita Banda San Ġużepp, l-Imsida, huwa għeleb lil Alex Borg tal-Klabb Juventutis Domus, Zejtun, bl-iskor ta' 5-4.

Fis-semi-finali, Borg għeleb lic-champion renjanti, Brian Cini, tal-Każin Banda San Ġużepp, Ħaż-Żebbug 4-1 filwaqt li Bezzina rebaħ il-konfront ma' Mario Brincat ta' Jesmond Sporting Club, Hamrun 4-3.

Kien Borg li beda tajjeb f'din il-finali meta rebaħ l-ewwel frame iżda Bezzina rebaħ iż-żewġ frames ta' wara għal skor ta' 2-1. Borg rebaħ ir-raba' frame għal 2-2 qabel l-intervall. Wara l-mistrieħ, iż-żewġ players rebħu żewġ frames kull wieħed għal 4-4 biex kollox ġie deċiż fl-aħħar frame li Bezzina rnexxielu jirbaħ fuq il-boċċa l-kannella għal skor finali ta' 5-4.

Il-finali kienet ikkontrollata mir-referee Maurice Calleja.

Wara l-logħba, is-Sur Frans Bugeja, president tal-Malta Billiards & Snooker Association, ippreżenta t-trofej liż-żewġ finalisti.

minn **Kevin J. Vella**

# Parteċipazzjoni f'On The Move

L-Assocjazjoni Maltija tal-Billiards u Snooker ħadet sehem fl-Open Day li ġiet organizzata minn SportMalta, nhar l-1 ta' Mejju, fil-kumpless tal-Pixxina Nazzjonali, f'Tal-Qroqq. Attwalment, il-coach tas-snooker, Kevin Vella, qed jgħallem l-isnooker lit-tfal, f'wieħed mill-programmi ta' 'On the Move' li SportMalta torganizza matul is-sena. Tlettax-il tifel u tifla qed jattendu għal dawn is-sessjonijiet u l-etajiet ivarjaw bejn is-6 u s-16-il sena.

Waqt din l-Open Day, it-tfal lagħbu kontra xulxin fil-preżenza ta' bosta ġenituri u qraba biex b'hekk ingħataw togħma ta' kompetizzjoni. Fi tmiem din il-ġurnata ġew ippreżentati midalja lill-parteċipanti kollha minn Alex Borg.

Waqt id-diskors ta' l-għeluq, Kevin Vella saħaq l-importanza li t-tfal jidraw jipprattikaw kull tip ta' sport b'serenitá u ħbiberija lil hinn minn kull pika.

Matul is-sajf li ġej, ser ikun hemm sessjonijiet tas-snooker bħala parti mill-programm 'Summer on The Move 2016'.

Kull min hu nteressat għandu jżur is-sit www-sportmalta.org.mt jew jiġbor applikazzjoni mill-kumplessi sportivi ta' SportMalta.





minn Oliver Attard



# X'qed jiġri fil-Motor Sport f'pajjiżna

X'qed jiġri fil-motorsport f'pajjiżna? Oliver Attard iltaqa' ma tliet uffiċjali *mill-All Wheel Drive Club, Malta* - il-president, Geoffrey Pulis, is-segretarju Alan Zahra u t-teżorier Johann Vella.
Il-Club ilu imwaqqaf mill-1989 u llum iħaddan 'il fuq minn 100 membru li l-parti kbira tagħhom huma ħbieb, familjari, spettaturi u *helpers* tat-30 sewwieqa li hemm fil-club u li jikkompetu fuq bażi regolari.

L-ikbar attività li jorganizza l-*All Wheel Drive Club* huwa kampjonat li jkun imqassam fuq ħames tiġrijiet li jissejħu *Timed Trials* u dan għaliex jkunu tlielaq b'ħafna ostakli u li jeħtiegu ħafna teknika kemm mis-sewwieq kif ukoll min-navigatur li f'dan il-każ, minbarra li juri r-rotta, jgħin lis-sewwieq jegħleb l-ostakli. Apparti dawn it-*timed trials*, il-club jorganizza wkoll Trials li bħat-*Timed Trials* isiru f'barriera privata iżda din id-darba mhux kontra l-ħin imma b'sistema ta' punti li wieħed jitlef meta jagħmel żblaji waqt ir-rotta immarkata permezz ta' qasab u ostakli mogħtija.

Attività oħra tassew popolari u rigoruża ħafna hija l-*endurance* fejn kull parteċipant isuq l-istess rotta kontra l-ħin għal 16-il darba. Din l-attività, is-soltu issir fi tmiem il-ġimgħa bil-bidu tagħha qabel inżul ix-xemx tas-Sibt, tibqa' għaddejja matul il-lejl u l-ġurnata tal-Ħadd. Bħal f'kompetizzjonijiet oħra, tal-Off-Road, is-sewwieq ikollu bżonn l-għajnuna tan-navigatur kif ukoll tat-team tiegħu għax mhux xi ħaġa diffiċli biex il-karozza issofri xi ħsara u li jkun meħtieġ li ssir tiswija bejn tellieqa u oħra.

Kompetizzjoni oħra li jorganizza l-*All Wheel Drive Club* hija msejħa *Whinching* u dan għaliex il-korsa jkun fiha ostakli tant diffiċli li wieħed irid bilfors juża *winches* li kull karozza armata għal dan it-tip ta' sport irid ikollha. Mhux l-ewwel darba li rajna vettura tiela' ma' ħitan prattikament wieqfa li jisseparaw parti minn oħra ġewwa barriera.

Attività mfittxija ħafna mill-membri tal-club hija s-*Silverstone Tyres Challenge* għalkemm mhux kulħadd jipparteċipa fiha. Din hija popolari ħafna għax tinkludi l-varjazzjoni tat-tip ta' tlielaq li semmejna s'issa bħal *winching*, hija kontra l-ħin bħat-*timed trials*, fiha sistema ta' punti bħat-trials, ikun fiha wkoll xi ftit *crawling* u maqsuma fuq tlett ijiem ġewwa barriers kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

Għal dawk li għadhom jibdew dan l-isport u li għandhom il-karozzi tagħhom neqsin minn ċertu armar u aċċessorji avvanzati, tiġi organizzata dik li tissejjaħ *Experience*. Din l-attività tixbaħ lis-*Silverstone Tyres Challenge* peró fuq livell inqas diffiċli u b'hekk dawk li jieħdu sehem jesperjanzaw it-tipi kollha f'tmiem il-gimgħa.

L-immaġinazzjoni tad-diriġenti tal-*All Wheels Club – Malta*, ma tieqafx hemm għaliex apparti dawn it-tipi differenti ta' tlielaq ħolqot ukoll attività li tinkorpora t-tipi differenti ta' karozzi li l-membri tal-club għandhom. Fun Day team event jinkludi ftit minn kull tip ta' sport li diġà semmejna iżda kull team irid ikun jikkonsisti minn erba' timijiet -

ritratti: **Adrian Caruana**






team li għandu *off-roader standard*, ieħor li għandu karozza *advanced*, ieħor *modified* u ieħor *x-treme*, b'hekk kull parti mill-korsa tkun ideali għal tip ta' vettura u diffiċli għat-tlieta l-oħra. L-erba' timijiet iridu jingħaqdu u jgħinu lil xulxin biex jegħlbu l-ostakli fl-inqas ħin possibbli.

Ta' kull sena, l-*All Wheel Drive Club* jieħu ħsieb ukoll li jorganizza tfittxija għat-teżor għall-familji tal-membri kollha tiegħu u b'għan nobbli. Din l-attività tibda permezz ta' quddiesa li tiġi offruta għall-membri tal-club u l-familjari tagħhom li m'għadhomx magħna.

Għalkemm il-club jorganizza dawn l-attivitajiet kollha, li kull sena jlaħħqu madwar 20 attività, numru sabiħ ta' membri xorta jfittxu avventura barra minn xtutna. Is-sena li għaddiet madwar 20 membru pparteċipaw f'diversi pajjiżi fosthom fi Sqallija, fl-Italja, fil-Kroazja, fl-Ingilterra u din is-sena hemm il-ħsieb li nżuru anke Franza u l-Portugall. Il-Maltin għandhom reputazzjoni tajba ma kompetituri minn pajjiżi oħra u ġeneralment imorru ħafna tajjeb speċjalment meta wieħed jikkunsidra r-riżorsi limitati ħafna li għandna ġewwa pajjiżna.

Biex wieħed jikkompeti fl-avvenimenti organizzat mill-*All Wheel Drive Club – Malta*, apparti li jkun membru, irid ikollu vettura li tappartjeni għal waħda minn dawn il-klassijiet. Klassi *Standard* hija vettura li tingrana fuq l-erba' roti iżda bażika għall-aħħar u b'roti li ma jaqbżux il-35 pulzier. Vettura fil-Klassi *Advanced* irid ikollha kollox bħal dik *Standard* iżda jkollha *roll-cage* bażika, jista' jkollha wkoll *winches* kif ukoll fus li jillokkja. Klassi Modified tirrikjedi roll-cage kompluta, ir-roti jistgħu jitilgħu sa 37 pulzier, jista' jkollha ż-żewġ fusion li jillokkjaw. Biex tappartjeni għall-Klassi, il-vettura jista' jkollha fusion aktar avvanzati magħrufa bħala portal u b'roti li saħansitra ilaħħqu l-40 pulzier iżda l-ikbar klassi tibqa n-*no-limit* fejn fil-verità m'hemmx limitu u normalment dawn il-vetturi jkollhom roti li saħansitra jaqbżu l-40 pulzier u steering fuq l-erba' roti.



Alan Zahra u Johann Vella, apparti uffiċjali fil-kariga ta' segretarju u teżorier reispettivament, jagħmlu parti mill-istess team, fejn Alan Zahra isuq megħjun minn Johann Vella u huma rebbieħa tal-kampjonat nazzjonali 2014-15, 2015-16, Whinching Challenge 2016 u l-Endurance 2016.



Aħna, min-naħa tagħna, nawguraw lill-amministraturi u lill-membri tal-*All Wheel Drive Club* li jkomplu jgawdu dan l-isport ġewwa pajjiżna, jiksbu esperjenzi u unuri barra minn xtutna kif ukoll nestendu l-invit tal-club lill-pubbliku in ġenerali biex isegwi l-attivitajiet li jiġu organizzati.




# Jitqassmu l-unuri fuq dixxiplini diversi ... Charlton Debono l-Isportiv tas-Sena

Nhar is-Sibt, 30 ta' April, 2016, inżammet edizzjoni oħra tal-Għażliet Sportivi Għawdxin organizzata għat-tieni sena konsekuttiva mill-Bord Sportiv Għawdxi fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Din is-serata mill-isbaħ reġgħet bdiet tkun organizzata s-sena l-oħra wara li l-ewwel edizzjoni ta' dan il-konkors kienet saret, fl-1988, mill-ewwel Bord Sportiv Għawdxi taħt il-Presidenza ta' Joe Psaila, persuna li tat kważi ħajjitha għall-iSport Għawdxi.

F'din it-13-il-edizzjoni saru sitt votazzjonijiet b'mod dirett minn ġurija iffurmata minn ħamsa, filwaqt li żewġ kategoriji oħra ntgħażlu mill-Bord Eżekuttiv tal-istess Gozo Sports Board.

F'serata mill-isbaħ li nżammet f'Villa Fiorita, f'Marsalforn, attendew għaliha bosta mistednin fosthom il-Ministru għal Għawdex, Anton Refalo, is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport, Chris Agius, kif ukoll is-Segretarju Parlamentari għad-drittijiet ta' Persuni b'Diżabilitá u Anzjanitá attiva, Justyne Caruana.

Is-serata bdiet b'wirja imtella' mill-BMX-Malta Association u wara kienet segwita minn żfin ippreparat mill-istudenti Għawdxin ta' On the Move SkolaSport, kif ukoll The Turning Point Dance Theatre. Apparti l-votazzjonijiet li kienu l-qofol tas-serata, saru messaġġi tal-okkażjoni, kif ukoll fl-istess serata tħalltet il-mużika mal-isport permezz tal-kantanti Georgina Gauci u Charles Buttigieg akkumpanjati mis-surmast Antoine Thewma.

## Ir-rebbieħa kienu:

**Sportiv tas-Sena:** L-atleta Charlton Debono (Atheltix Athletics Club) rebaħ l-iktar kategorija mistennija, dik tal-iSportiv tas-Sena fejn huwa spiċċa l-ewwel qabel Jason Vassallo (Gozo Billiards & Snooker Association) u Marcello Attard (Gozo Clay Target Association).

**Sportiva tas-Sena:** Clara Sciberras (Gozo Spirit Combat Club) rebħet din il-kategorija li kienet l-iktar waħda ndeċiża f'dik li hija votazzjoni għax tnejn mit-tliet finalisti spiċċaw ndaqs fl-ewwel post. Madankollu b'appikazzjoni tar-regolament li jkun dikjarat ir-rebbieħ dik li tkun kisbet l-iktar massimu ta' punti (5), din il-kategorija ġiet mirbuħa minn Clara Sciberras quddiem Jolene Debattista (Atheltix Athletics Club). Il-finalista l-oħra kienet Maria Farrugia (Gozo Girls Football Club).

**Uffiċjal tas-Sena:** Il-President tal-Gozo Horse Racing Association, Mary Mifsud Micallef, rebħet din il-kategorija kkontestat wkoll minn Paul Camilleri (Atheltix Athletics Club)u Frankie



Il-finalisti kollha ta' din l-edizzjoni tal-Premju Sportivi Għawdxin 2015

Il-Ministru, Anton Refalo, jipprezenta l-Premju Speċjali lil Maria Pia Saliba



Il-Ministru Anton Refalo jippremja lill-atleta Charlton Debono bħala l-iSportiv tas-Sena (taħt nett)



Xuereb (Gozo Motocross Association).

**Żagħżugħa Promettenti:** Estelle Scicluna ta' Għajnsielem Redcoats intgħażlet l-aħjar f'din il-kategorija quddiem Leanne Cefai (Gozo Girls Football Club) u Britney Camilleri (Gozo Spirit Combat Club).

**Żagħżugħ Promettenti:** Matthew Scerri (Otters Aquatic Sports Club) rebaħ din il-kategorija quddiem Jordi Parnis (Gozo Youth Football Association) u Mark Dingli (Gozo Spirit Combat Club).

**Team tas-Sena:** Xewkija Tigers Football Club rebħu dan l-unur f'kategorija kkontestata wkoll minn Gozo Girls Football Club u Gozo Rugby Club.

**Premju Speċjali**: Maria Pia Saliba (Għawm), tfajla simpatika li ftit ilu rebħet tliet midalji fl-iSpecial Olympics li saru f'Ċipru. L-għawwiema Maria Pia storikament saret l-ewwel atleta Għawdxija mill-iSpecial Olympics li rebħet xi midalja fejn hawn hija rebħet xejn inqas minn tliet midalji fl-Akwatika.

**Rikonoxximent għall-Karriera Sportiva**: L-ex-player internazzjonali tal-football, Eddie Vella, ingħata l-unur mistħoqq mill-Bord Eżekuttiv għall-karriera brillanti tiegħu fejn kien anke wkoll intagħżel bħala l-Player tas-Sena tal-MFA biex sar l-ewwel Għawdxi li rebaħ dan l-unur tant prestiġjuż.




# L-Isport fis-soċjetà tal-lum

MEU SAC
Malta-EU Steering & Action Committee

Minn Mandy Falzon (Head - EU Funding)

L-isport għandu potenzjal li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' mpjiegi ġodda permezz tal-effetti pożittivi tiegħu fl-inklużjoni soċjali, l-edukazzjoni u t-taħriġ, u s-saħħa pubblika. L-isport jgħin ukoll biex jillimita ż-żieda fl-infiq fis-sigurtà soċjali u s-saħħa pubblika billi jitjiebu s-saħħa u l-produttività tal-popolazzjoni u billi tiġi żgurata kwalità ta' ħajja aħjar sa età avvanzata. Permezz tal-isport jistgħu jiġu eliminati ostakli soċjali u jippromwovi l-inklużjoni. Dawn huma l-prinċipji prinċipali li fuqhom tinbena l-ħidma tal-Unjoni Ewropea (UE) fil-qasam tal-isport. Fil-fatt, għalkemm l-isport huwa responsabbiltà tal-Istati Membri individwali, l-UE twettaq ħafna programmi li jżidu l-koperazzjoni bejniethom għar-raġunijiet ta' hawn fuq.

Mill-banda l-oħra, l-isport jiffaċċja għadd ta' theddidiet li l-atleti, partikolarment dawk li huma żgħażagħ, u ċ-ċittadini jridu jkunu mħarsa minnhom. Fost dawn it-theddidiet wieħed jista' jsib it-teħid tad-droga, il-vjolenza u l-intolleranza.

It-teħid tad-drogi għadu theddida inkwetanti għall-isport. L-użu ta' sustanzi illegali minn atleti dilettanti joħloq perikli serji għas-saħħa pubblika u jitlob azzjoni preventiva. Il-prevenzjoni tad-droga u s-sanzjonijiet kontra t-teħid tagħha jibqgħu kompetenza tal-għaqdiet sportivi u tal-Istati Membri. Iżda l-Kummissjoni Ewropea (KE) tappoġġja l-ġlieda kontra t-teħid tad-drogi u r-rwol importanti tal-World Anti-Doping Agency (WADA), l-għaqdiet nazzjonali ta' kontra d-drogi (NADOs), il-laboratorji akkreditati u l-UNESCO. Il-KE tħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri jadottaw u jaqsmu l-pjani ta' azzjoni nazzjonali ta' kontra d-drogi.

Il-ħin dedikat għall-isport u l-attivitajiet fiżiċi, fosthom waqt is-sena skolastika, jistgħu jittejbu mingħajr ħafna nfiq, kemm barra l-kurrikulu tal-iskola kif ukoll bħala parti minnu. L-Istati Membri u l-moviment sportiv qegħdin kulma jmur jagħrfu l-bżonn għal nies






imħarrġa u kwalifikati fis-settur sportiv. Il-livell għoli ta' professjonaliżmu u d-diversità tal-professjonijiet sportivi, flimkien mal-mobbiltà miżjuda fi ħdan l-UE, jenfasizzaw ir-rilevanza tal-kwalifiki relatati mal-isport fis-sistemi ta' kwalifiki nazzjonali. Madanakollu xorta għad hemm bżonn ta' iktar trasparenza rigward il-validazzjoni u r-rikonoxximent tal-kwalifiki miksuba mill-voluntieri, kif ukoll fir-rigward tal-kwalifiki meħtieġa għal professjonijiet regolati relatati mal-isport.

L-attività fiżika hija importanti wkoll għas-saħħa fis-soċjetà moderna u tista' tagħti kontribut ewlieni fit-tnaqqis tal-piż żejjed u l-obeżità u l-prevenzjoni ta' mard serju. L-isport jikkostitwixxi parti fundamentali ta' kwalunkwe politika pubblika li għandha l-għan li ttejjeb l-attività fiżika.

Fl-2008, il-Ministri tal-Isports tal-Istati Membri tal-UE appoġġaw informalment il-Linji Gwida għall-Attività Fiżika tal-UE billi rrakkomandaw kif il-politiċi u prattiċi fil-livelli lokali, nazzjonali u tal-UE jistgħu jintużaw biex aktar ċittadini isibuha eħfef li jkunu attivi fiżikament matul il-ħajja ta' kuljum.

L-importanza tal-isport tolqot ukoll temi soċjali. L-isport jista' jkun mezz biex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali tal-minoranzi u gruppi żvantaġġati vulnerabbli oħra u jikkontribwixxi għal ftehim aħjar fost il-komunitajiet, inklużi reġjuni li ħarġu minn kunflitt. Fil-fatt, l-isport jista' jippermetti lill-immigranti u lis-soċjetà li tilqagħhom biex jinfluwenzaw lil xulxin b'mod pożittiv, biex b'hekk jiżdiedu kemm l-integrazzjoni u kif ukoll id-djalogu interkulturali. F'numru ta' Stati Membri, l-isport qiegħed jiddaħħal fi programmi speċifiċi biex jinkludu aktar l-immigranti fis-soċjetà.

Minħabba l-importanza tal-isport bħala għodda għall-bini ta' soċjetajiet Ewropej aktar b'saħħithom, l-UE hi impenjata li tkompli ssaħħaħ il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jiżguraw l-iskambju kontinwu ta' prassi tajba.



## Kampjonat 1961-62

# Floriana leaders assoluti b'rebħa fuq Valletta

minn **Tonio Farrugia**

**Is-Sitt Ġurnata**

**16-12-1961:**
**Ħamrun Sp. FC – Birkirkara FC 2-1**
**H.T 1-1 Ref: Joe M. Cassar Naudi**
**Skurjaw: F. Bonnici (B) 11' u T. Cassar (Ħ) 28' u 66'.**

**Ħamrun Sp. FC:** Lino Mizzi, Martin Attard, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Silvio Micallef, Carmelo 'In-Nene' Grech, Elia Calleja, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Twanny 'Il-Ginger' Cassar, Abela, George Cuschieri, Sunny Attard.

**Birkirkara FC:** Patist Grech, Tony 'Euchar' Grech, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Leli Pace, John Camilleri, George Dalli, Toni Caruana, Peter Fitzgerald, Louis Bugeja, Tony Tonna, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

1. Il-kontroll tal-ballun kien wieħed diffiċli meta l-partita ntlagħbet fuq art tiżloq u mimlija tajn.
2. Birkirkara taw id-debutt lill-goalkeeper Patist Grech li daħal minflok Nenu Bugeja li rtira mill-football wara li daħal mal-Korp tal-Pulizija. Grech ma kellux debutt feliċi mal-Istripes meta fl-okkażjoni tad-draw Ħamruniż mill-free-kick ta' Martin Attard, żelaqlu l-ballun minn idu kawża tal-ballun li kien jiżloq, biex Twanny Cassar kompla f'xibka vojta.

**17-12-1961:**
**Valletta FC – St. George's FC 4-0**
**H.T 1-0 Ref: Joseph Agius**
**Skurjaw: J. Urpani (V) 29', S. Rapinett (V) 55', J. Urpani (V) 71' u M. Azzopardi (V) 75'.**

**Valletta FC:** Bertu 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Charlie Williams, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Johnnie Darmanin, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Alfred 'Il-Waniż' Borg, Silvio Rapinett.

**St. George's FC:** Albert Borg, Leonard Mizzi, Joe Brincat, Peppi Delceppo, Freddie Sultana, Freddie Delia, Freddie Demanuele, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Leli Stivala (Joseph Mizzi 46'), Joe 'Il-Felli' Ciantar, Wally Hili.

1. Ma' Valletta ddebutta l-player Charlie Williams filwaqt li Silvio Rapinett skorja fir-ritorn tiegħu ma' Valletta FC wara li f'dawn l-aħħar sentejn kien qed jilgħab ma' Vittoriosa Stars. Huma ħadu post Pawlu Carbonaro li kien imweġġa' u Frankie Zammit li nforma lill-kumitat ta' Valletta li kien ser jitlaq lejn il-Kanada u għalhekk ma niżilx għat-training.
2. Din kienet ir-raba' telfa konsekuttiva għal St. George's fejn f'kull partita naqsu li jsibu x-xibka avversarja. Matul din il-partita huma taw xutt wieħed biss fil-lasta Beltija minn free-kick ta' Freddie Delia.
3. Il-partita ntlagħbet fuq art tiżloq u mimlija tajn.

**06-01-1962:**
**Hibernians FC – Sliema Wdrs. FC 3-3**
**H.T 3-1 Ref: Frans Grech**
**Skurjaw: Ġ. Muscat (S) 4', F. Church (H) 6', J. Mizzi (H) 30', L. Sultana (H) 32' u S. Nicholl (S) 59' u 73'.**

**Hibernians FC**: Lolly Rizzo, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Andrew Ellul, Emric Ellul, Leli 'L-Għawdxi' Attard (Edward Previ 74'), Louis Theobald, Fredu Church, Leli Sultana, Jimmy Mizzi, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb, Charlie 'Il-Kinnie' Schembri (Eddie 'L-Għasfur' Theobald 46').

**Sliema Wdrs. FC**: Alfred Debono, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Rudyard Mifsud, Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Ġulinu Muscat, Tony Griffiths (Edward Aquilina 46'), Eddie 'Il Bagaga' Mizzi, John Bonnett, Sammy Nicholl

1. Fl-24 minuta tal-partita bdiet nieżla xita bil-qliel li ġabet l-art tal-Istadium għadira waħda.
2. Hibernians kienu mingħajr il-goalkeeper Freddie Mizzi li, fit-3 ta' Jannar, 1962, ħalla Malta sabiex jattendi għal kors ta' erba' xhur fuq il-Laundry, f'Portsmouth, u mingħajr id-difensur Sunny Anastasi li kien jinsab għal erba' ġimgħat fl-Afrika t'Isfel mal-Armata.
3. Sliema Wdrs. FC ittrasferew lill-player tagħhom Leli Sammut lill-club tat-Tieni Diviżjoni Gżira United.
4. Jimmy Mizzi kompla għaddej mill-forma brillanti tal-goals. Fl-aħħar partita huwa kien skorja tliet goals kontra St. George's FC. Waqt friendly li ntlagħbet fix-Schreiber huwa skorja ħamsa fir-rebħa ta' 6-2 li Hibernians FC kisbu fuq Ittihad filwaqt li issa reġa' sab ix-xibka kontra l-Wanderers.
5. Fl-aħħar sekondi tal-partita John Bonnett falla rebħa drammatika għall-Wanderers meta bil-goalkeeper Rizzo mal-art huwa kkonkluda barra bir-ras.
6. L-ewwel dehra mal-ewwel team tal-Wanderers għaż-żagħżugħ ta' 16-il sena Edward Aquilina. Missieru, John, kien goalkeeper tajjeb fis-snin għoxrin fejn iddefenda l-lasti ta' Gioventú Cattolica, Tigers FC u Floriana FC. Edward Aquilina kellu karriera ta' suċċessi kemm bħala player kif ukoll bħala coach fejn iggwida kemm lil Valletta FC kif ukoll lil Sliema Wanderers lejn ir-rebħ ta' diversi kampjonati fis-snin disgħin u elfejn.
7. Alex Gollcher irritorna fit-team tal-Wanderers. Huwa kien mar l-Ingilterra għall-Kors u meta rritorna fid-19 ta' Novembru kien dam biex reġa' beda jittrenja.

**07-01-1962:**
**Floriana FC – St. Patrick FC 2-1**
**H.T 2-0 Ref: James Sawyer**
**Skurjaw: B. Dalli (F) 35', T. Cauchi (F) 44' u T. Camenzuli (St. Pat) 59'.**

**Floriana FC:** Nenu Fabri, Lolly Debattista, Jimmy Farrugia, Eddie Bonnett (Żarenu Alamango 46'), Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Lolly Borg, Billy Dalli, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bonnetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**St. Patrick FC:** Charlie Vella, Joe Bugeja, Joe Degiorgio, Godwin Camilleri, Tony 'In-Noni' Baldacchino, Jimmy Casha, Victor Brincat (George Busuttil 46'), Toninu 'Landolina' Camenzuli, Wistin 'Il-Babaw' Barbara, Romeo 'Il-Ħaċċa' Psaila, Charlie Mattocks.

1. Xi gazzetti tal-epoka niżżlu l-goal ta' Tony Cauchi bħala autogoal tal-goalkeeper Charles Vella meta l-cross tal-attakkant Furjaniż deher li kien ser jiġi salvat mill-goalkeeper Żabbari bil-ballun jiżloqlu u jispiċċa fix-xibka.
2. Għal Floriana kien qed jirritorna fl-ewwel team Eddie Bonnet wara żmien twil nieqes minħabba injury. Fl-istaġun ta' qabel, Bonnett kien lagħab partita waħda biss minħabba l-istess injury. Huwa kien weġġa' fil-friendly tas-17 ta' Settembru,

1960, meta lagħab ma' HMS Ausonia fit-telfa ta' 11-1 kontra Sliema

3. Fil-ġranet tal-Milied, Floriana ħadmu biex isolvu l-problema tal-goalkeeper meta akkwistaw lil Salvu Alamango mingħand Marsa FC bi bdil mad-difensur tagħhom Lino Farrugia b'dan tal-aħħar jinħatar ukoll coach ta' Marsa minflok Joe Vella li kien ilu jittrenja lil Marsa minn Ottubru.

4. St. Patrick niżlu għal-logħob mingħajr iż-żewġ players li kienu xtraw mingħand Gżira United, Joe Cassar u George Camilleri, minħabba li t-tnejn kellhom differenzi mal-kumitat. Min-naħa l-oħra, għalihom irritorna b'goal Toninu Camenzuli li kien ilu nieqes minn Novembru.

**Klassifika**: Valletta FC u Floriana FC12 -il pt.; Sliema Wdrs. FC u Hibernians FC 6 pti.; Birkirkara FC 5 pti.; Ħamrun Sp. FC 4 pti.; St. George's FC 2 pti.; St. Patrick 1 pt.

**L-Aqwa Skorers:** B. Dalli u T. Cauchi (Floriana FC) u J. Mizzi (Hibernians FC) 6 goals; T. Cassar (Ħamrun Sp. FC) u M. Azzopardi (Valletta FC) 5 goals; T. Caruana (Birkirkara FC) u S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 4 goals.

## Is-Seba' Ġurnata

**13-01-1962:**
**St. George's FC – St. Patrick FC 2-1**
**H.T 1-0 Ref: Turu Lentini**
**Skurjaw: L. Stivala (St. Geo.) 7', o.g J. Brincat (St. Pat.) 68' u o.g J. Degiorgio (St. Geo.) 77'.**

**St. George's FC:** Albert Borg, Leonard Mizzi, Joe Brincat, Freddie Delia, Freddie Sultana, Peppi Delceppo, Albert Attard (Ġużeppi 'Ħarrubu' Zarb 46'), Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Leli Stivala, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Wally Hili.

**St. Patrick FC**: Charlie Vella, Joe Bugeja, Joe Degiorgio, George Busuttil, Tony 'In-Noni' Baldacchino, Jimmy Casha, Godwin Camilleri, Toninu 'Landolina' Camenzuli, Wistin 'Il-Babaw' Barbara, Romeo 'Il-Ħaċċa' Psaila, Charlie Mallocks.

1. Ma' St. George's irritorna l-player Ġużeppi Zarb 'Ħarrubu' li f'dawn l-aħħar snin kien qed jilgħab ma' Senglea. Zarb kien jilgħab ma' St. George's sa nofs is-snin ħamsin.

2. L-own goal ta' Joe Brincat wasal meta d-difensur Bormliż tajjar il-ballun minn saqajn l-attakkant ta' St. Patrick Wistin Barbara, iżda tajru ħd-direzzjoni tal-lasti tiegħu stess biex għeleb lill-goalkeeper sieħbu Charlie Vella.

3. Inqala' xi nkwiet bejn il-players fl-okkażjoni tal-goal tar-rebħa ta' St. George's li wasal minn autogoal ta' Degiorgio li pprova jimblokka x-xutt ta' Freddie Delia. Fiċ-ċelebrazzjoni tal-goal, il-players Wally Hili u Ġużi Ciantar reġgħu marru jixxuttjaw il-ballun fix-xibka fejn intqal xi diskors mal-goalkeeper Vella bil-konsegwenza li Ġużi Ciantar u l-goalkeeper Vella ġew fl-idejn fejn kellha tidħol anke l-Pulizija tikkalma s-sitwazzjoni. Meta kkalma kollox ir-referee Lentini deher jammonixxi liż-żewġ players.

4. Tħabbar li l-player George Curmi ta' St. George's li kien ilu nieqes mil-logħob tliet xhur, kien ser jagħmel perjodu itwal nieqes mil-logħba minħabba li kien ser jagħmel operazzjoni. Aktar tard Curmi waqaf mill-football fuq parir tat-tobba.

5. Freddie Delia ta' St. George's FC iżżewweġ wara l-partita.

**14-01-1962:**
**Sliema Wdrs. FC – Birkirkara FC 3-0**
**H.T 1-0 Ref: Joe M. Cassar Naudi**
**Skurjaw: E. Mizzi (S) 15' u 60' u Ġ. Muscat (S) 75'**

**Sliema Wdrs. FC:** Freddie Debono, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Robbie Buttigieg (Edward Aquilina 70'), Salvu Bonnici, Rudyard Mifsud, Tony Griffiths, Joe Cini, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, John Bonnett (Maurice Walsh 46'), Ġulinu Muscat.

**Birkirkara FC:** Patist Grech, Pawlu Barbara, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Leli Pace, John Camilleri, George Dalli, Toni Caruana, Peter Fitzgerald, Louis Bugeja, Tony Tonna, Emmanuel 'Tal-Fjuri' Micallef (Tony 'Euchar' Grech 46').

1. Birkirkara kienu mingħajr 'Il-Lula' Bonnici li kien jinsab fid-deżert tal-Libja mal-Armata filwaqt li Sliema kellhom nieqes lil Sammy Nicholl li kien imweġġa'. Minflokhom lagħbu żewġ żagħżugħ li għamlu isem fil-football. Minflok Bonnici lagħab Leli Micallef 'Tal-Fjuri' li kellu 17-il sena u wara kompla l-karriera ma' Sliema Wanderers filwaqt li minflok Sammy Nicholl lagħab Edward Aquilina li kellu 16-il sena u kien għadu jattendi l-Kulleġġ ta' St. Edwards. Fil-fatt Aquilina kien ġie mgħarraf mir-Rettur tal-Kulleġġ li qabel ma jilgħab il-football ma' Sliema irid jitlob permess mill-iskola.

2. Ġurnata qabel din il-partita l-player Joe Cini kien sar missier meta kellu tifel.

3. Wara li ntemmet il-partita, diversi players tal-Wanderers dehru jargumentaw mal-partitarji tagħhom stess.

4. Skond il-ġurnal 'Bulletin' ir-referee tal-partita kien Pawlu Bonnett.

**20-01-1962:**
**Floriana FC – Valletta FC 1-0**
**H.T 0-0 Ref: Ritchie Casha**
**Skorja: C. Bennetti (F) 81'.**

**Floriana FC:** Salvu Alamango, Lolly Debattista, Jimmy Farrugia, Eddie Bonnett, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Twanny Sultana, Lolly Borg, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**Valletta FC:** Bertu 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Charlie Williams, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Freddie 'Il-Waniż' Borg, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci.

1. Il-goalkeeper Salvu Alamango rritorna ma' Floriana wara li dawn laħqu ftehim ta' tpartit ma' Marsa FC. Fil-fatt Lino Farrugia ta' Floriana kien sieħeb lil Marsa FC fit-Tieni Diviżjoni. Alamango, min-naħa tiegħu, b'hekk irritorna għal-logħob wara li kien ilu nieqes diversi xhur minħabba problemi li kellu mal-club ta' Marsa bil-każ ta' bejniet-hom anke jispiċċa fil-Qorti. Għalkemm Salvu Alamango kien qed jirritorna mal-club Furjaniż, fil-fatt dan kien id-debutt tiegħu fl-ewwel team minħabba li qabel kien lagħab mal-Minors u mat-tieni team ta' Floriana.

2. B'din ir-rebħa Floriana kienu għalqu l-Ewwel Round b'punti massimi kif ukoll kienu waqqfu sensiela ta disa partiti bla rebħa kontra r-rivali Valletta. Fihom huma kienu ġarrbu seba' telfiet u kisbu żewġ draws.

3. Iż-żewġ naħat laqtu l-lasta bl-iskor għadu ma nfetaħx – Floriana wara żewġ minuti permezz ta' Tony Cauchi u Valletta fis-70 minuta minn Frankie Zammit. Fiż-żewġ okkażjonijiet il-goalkeeper kien megħlub.

4. Valletta kellhom nieqes lil Pawlu Carbonaro li lewa l-għaksa fl-aħħar ħarġa kontra Ħamrun Spartans iżda kellhom fit-team lil Joe Cilia minkejja li kien dubjuż wara l-inċident li kellu bil-karozza

5. Min-naħa tagħhom Floriana b'sorpriża nkludew fit-team lil Eddie Bonnett u ħallew barra lil Billy Dalli li kien skorja f'kull partita.

6. Żarenu Alamango kien nieqes minħabba li kien jinsab f'Tarhuna, l-Afrika t'Isfel, mal-Armata.

**21-01-1962:**
**Hibernians FC – Ħamrun Sp. FC 3-0**
**H.T 2-0 Ref: Pawlu Bonnett**
**Skurjaw: J. Mizzi (Hibs) 14' u pen. 39' u F. Xuereb (Hibs) 83'**

**Hibernians FC:** Lolly Rizzo, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Louis Theobald, Emric Ellul, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Fredu Church, Leli Sultana, Jimmy Mizzi (Edward Previ 60'), Frans 'In-Nagħġa' Xuereb, Charlie 'Il-Kinnie' Schembri.

**Ħamrun Sp. FC:** Lino Mizzi, Martin Attard, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Freddie Galea, Silvio Micallef, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Elia Calleja, Abela, George Cuschieri, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

1. Freddie Galea tal-Ispartans, li kien qed jilgħab fil-pożizzjoni insolita ta' centre-half minflok Nene Grech, xejn ma kellu wirja tajba meta l-ewwel tilef il-ballun li wassal għall-ewwel goal u wara kkommetta penalty meta żamm b'idu ballun li Jimmy Mizzi kien ser jgħaddi minn fuq rasu

Klassifika: Floriana FC 14-il pt.; Valletta FC 12-il pt.; Sliema Wdrs. FC u Hibernians FC 8 pti.; Birkirkara FC 5 pti.; Ħamrun Sp. FC u St. George's FC 4 pti.; St. Patrick FC 1 pt.

L-Aqwa Skorers: J. Mizzi (Hibernians FC) 8 goals; B. Dalli u T. Cauchi (Floriana FC) 6 goals; T. Cassar (Ħamrun Sp. FC) u M. Azzopardi (Valletta FC) 5 goals.

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' AC Milan

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ġunju, 2016

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' AC Milan ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 109

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 109 huwa:
**C. Tanti (St Venera)**



# Tisliba



### Soluzzjoni - Ħarġa nru 109

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| J | O | H | A | N | C | R | U | Y | F | F | | F |
| U | | I | | O | | A | | A | | K | E | E |
| V | O | G | E | L | E | S | A | N | G | | | T |
| E | | G | | I | | U | | G | | R | A | H |
| N | A | I | R | | I | N | K | A | T | O | | I |
| T | | N | I | K | | D | | | H | A | T | |
| U | R | S | E | N | B | A | C | H | E | R | | |
| T | | | | Y | | | A | | O | | L | E |
| I | R | I | N | A | | A | R | A | B | | I | |
| S | | L | | Z | I | O | N | | A | S | A | F |
| | C | L | A | Y | | L | I | L | L | E | | A |
| L | | M | | E | | | E | | D | A | V | I |
| L | O | E | | V | I | E | R | I | | | I | |
| A | | R | E | A | | | O | | B | R | E | T |

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Mejjul, 2016:
**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

Rebbieħa Ħarġa nru 109:
**K. Pace (Sliema)**

**MIMDUDIN**

1) Il-Mascot tal-Euro 2016 (5,6)
7) Zlatan, min aktar? (11)
8) Luca 'ittih rasu' meta jiskorja (4)
10) Ivica, 104 partiti u 20 goal għal Kroazja (4)
11) Jon .... Hoiland, eks midfielder tan-Norveġja (4)
12) Ales, midfielder tas-Slovenja fil-Euro 2000 (3)
14) u 22) Franky van der ...., 86 partita għal Belġju (4)
15) L-ewwel nofs ta' isem Sterling tal-Ingilterra (3)
16) Robbie, 143 partita u 67 gowl mar-Repubblika Irlandiża (5)
18) Geolgau, midfielder tar-Rumanija 1980-1988 (3)
19) Kuipers, referi Olandiż fil-Euro 2016 (5)
21) Seeler, eks skorer prolifiku tal-Ġermanja tal-Punent (3)
22) Ara 14 Mimdudin
23) Lou, midfilder ta' l-Skozja 1972-1978 (6)

**MIMDUDIN**

1) Belt ospitanti fil-Euro 2016 (5-5)
2) Marino, winger Taljan tas-snin 60 (6)
3) Stefan, midfielder Svediż fil-Euro 1992 (4)
4) Eike, goalkeeper Ġermaniż fil-Euro 1988 (5)
5) Carlo, President attwali tal-FIGC (8)
6) Oliver, parti mill-iskwadra Ġermaniża fil-Euro 1996 (4)
9) Paul, għaqqad il-50 partita mal-Ingilterra kontra Malta (4)
10) Oliver Eggimann, eks midfielder ta' l-Svizzera (1,1)
13) Arie, midfielder Olandiż fl-era tat-Total Football (4)
15) Ante, winger attwali tal-Kroazja (5)
16) Reinhardt, ex-midfielder Ġermaniż 1945-1950 (4)
17) Ljajic, midfielder offensiv tas-Serbja (4)
20) Costa, midfielder Portugiż fil-Euro 1996-2000-2004 (3)

# FITNESS STUDIO

Triq il-Ġifen, St Paul's Bay

---

## Opening Hours

Mon-Fri 05.00 - 23.00

Sat 08.00 - 18.00

Sun 08.00 - 13.00

The prices for a single membership are as follows:

1 year €230

6 months €160

3 months €110

1 month €50

daily rate €7

Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information


UEFA
EURO2016
FRANCE
Probably the best
UEFA EURO ever...
Carlsberg
Probably the best beer in the world.
ENJOY RESPONSIBLY
drinkawaremalta.com